Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1782

25.6.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/1782

tal-24 ta' Ġunju 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159, inkluż l-estensjoni tad-data ta' skadenza tas-salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 16, 19 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,

Billi:

1. SFOND

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 ([3]) ("ir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva") il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet miżura ta' salvagwardja definittiva fuq ċerti prodotti tal-azzar ("il-miżura ta' salvagwardja"), li tikkonsisti fi kwoti tariffarji ("TRQs", tariff-rate quotas) fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-azzar ("il-prodott ikkonċernat") li jkopru 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar, stabbiliti f'livelli li jippreservaw il-flussi kummerċjali tradizzjonali fuq bażi ta' kull kategorija ta' prodott. Dazju tariffarju ta' 25 % japplika biss jekk jinqabżu l-limiti kwantitattivi ta' dawn it-TRQs. Il-miżura ta' salvagwardja ġiet imposta għal perjodu inizjali ta' tliet snin, sat-30 ta' Ġunju 2021.

(2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 ([4]) ("l-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni"), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura baqgħet meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju, u li l-industrija tal-Unjoni kienet qed taġġusta. Ikkonkludiet ukoll li l-estensjoni tad-*data* ta' skadenza tal-miżura kienet fl-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, iddeċidiet li testendi l-miżura ta' salvagwardja sat-30 ta' Ġunju 2024.

(3) Fil-premessa (161) tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva, il-Kummissjoni impenjat ruħha li "twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni fuq bażi regolari, u tikkunsidra rieżami tal-anqas fl-aħħar ta' kull sena ta' impożizzjoni ta' miżuri". F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni wettqet tliet investigazzjonijiet ta' rieżami tal-funzjonament fl-2019 ([5]), 2020 ([6]) u fl-2022 ([7]) rispettivament. F'Ġunju 2023 ([8]) ivvalutat ukoll, f'investigazzjoni ta' rieżami, jekk kinitx iġġustifikata terminazzjoni bikrija tal-miżura ([9]).

([1]) Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

([2]) Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 225 I/1, 25.6.2021, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1590 tas-26 ta' Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri ta' salvagwardja definittivi kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar; ĠU L 248, 27.9.2019, p. 28 ("L-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Funzjonament").

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar. ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27 ("It-Tieni Regolament dwar ir-Rieżami tal-Funzjonament").

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/978 tat-23 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar; ĠU L 167, 24.6.2022, p. 58 ("It-Tielet Regolament dwar ir-Rieżami tal-Funzjonament").

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1301 tas-26 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar; ĠU L 161, 27.6.2023, p. 44 ("Ir-Regolament dwar ir-Rieżami tal-2023").

([9]) Għal lista sħiħa tal-aġġustamenti differenti għall-miżura, inkluż fost l-oħrajn, l-aġġustament tat-TRQs wara l-Brexit, u wara s-sanzjonijiet fuq il-Belarussja u r-Russja, ara s-sit web tad-DĠ Kummerċ: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/search.

(4) Fit-12 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni rċeviet talba sostanzjata minn 14-il Stat Membru tal-UE biex teżamina, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [10] ("ir-Regolament dwar is-Salvagwardja Bażika tal-UE") u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/755, jekk il-miżura ta' salvagwardja eżistenti jenħtiġx li tiġi estiża. Il-Kummissjoni qieset li t-talba kien fiha biżżejjed evidenza biex tinbeda investigazzjoni tar-rieżami tal-estensjoni.

(5) Għaldaqstant, ippubblikat Notifika ta' Bidu [11] f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-9 ta' Frar 2024 dwar il-possibbiltà li tiġi estiża l-miżura ta' salvagwardja. Il-Kummissjoni inkludiet ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni tan-Notifika impenn li tivvaluta jekk kienx se jkun meħtieġ xi aġġustament tekniku għall-funzjonament tal-miżura f'każ li tikkonkludi li l-miżura ta' salvagwardja jenħtieġ li tiġi estiża.

2. **PROĊEDURA**

(6) Sabiex twettaq valutazzjoni xierqa dwar jekk il-miżura ta' salvagwardja għadhiex meħtieġa biex jiġi evitat jew rimedjat dannu serju, dwar jekk l-industrija tal-azzar tal-Unjoni hijiex qed taġġusta lilha nfisha, u jekk din l-estensjoni tikkonformax mal-interess usa' tal-UE, il-Kummissjoni ġabret *data* speċifika mill-industrija tal-Unjoni permezz ta' kwestjonarji [12]. Din id-data kienet tinkludi, fost oħrajn, l-evoluzzjoni ta' indikaturi ekonomiċi u finanzjarji ewlenin għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu 2021-2023 ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni"), kif ukoll evidenza li l-industrija tal-Unjoni qed taġġusta.

(7) Il-Kummissjoni fittxet u ġabret ukoll il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar estensjoni potenzjali u dwar kwalunkwe aġġustament potenzjali meħtieġ għall-funzjonament tal-miżura, u b'hekk wettqet żewġ investigazzjonijiet differenti b'mod parallel. Għal dan l-għan, in-Notifika ta' Bidu stiednet lill-partijiet interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni billi jippreżentaw l-osservazzjonijiet u l-evidenza ta' sostenn tagħhom bil-miktub u talbet ukoll lill-produtturi tal-prodott ikkonċernat magħrufa tal-Unjoni u lill-assoċjazzjonijiet tagħhom jimlew kwestjonarji dwar id-dannu. Fir-rigward tar-rieżami tal-funzjonament, il-Kummissjoni talbet lill-partijiet interessati jesprimu l-fehmiet tagħhom magħrufa u jippreżentaw evidenza speċifika bil-miktub dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) L-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji;

(b) L-esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali;

(c) L-aġġornament tal-lista ta' pajjiżi Membri li qed jiżviluppaw tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO", World Trade Organisation) esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura abbażi tal-aktar livell reċenti ta' importazzjonijiet tagħhom;

(d) Il-livell ta' liberalizzazzjoni;

(e) Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jirrikjedu aġġustament fil-livell jew l-allokazzjoni tal-kwota tariffarja.

(8) F'termini ta' proċess ġust, l-estensjoni u l-investigazzjoni tar-rieżami tal-funzjonament kienet tinkludi proċedura bil-miktub f'żewġ stadji, li skontha l-partijiet interessati, l-ewwel, ippreżentaw il-kummenti tagħhom u, sussegwentement, ingħataw il-possibbiltà li jirribattu s-sottomissjonijiet tal-partijiet l-oħra. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 65 sottomissjoni u konfutazzjoni mill-partijiet interessati fl-iskadenzi stabbiliti. Irċeviet ukoll aktar minn 100 tweġiba individwali għall-kwestjonarju mingħand il-produtturi tal-Unjoni.

(9) Fil-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet biex tiġi estiża l-miżura ta' salvagwardja ġewx issodisfati, il-Kummissjoni analizzat, l-ewwel nett, jekk ir-rekwiżiti legali biex tiġi estiża miżura ta' salvagwardja skont ir-regoli tal-UE u tad-WTO, jiġifieri jekk il-miżura hijiex meħtieġa biex jiġi evitat dannu serju (it-Taqsima 3.2) u jekk l-industrija tal-Unjoni hijiex qed taġġusta (it-Taqsima 3.3), ġewx issodisfati. It-tieni, ivvalutat jekk tali estensjoni tkunx konformi mal-interess ġenerali tal-Unjoni (it-Taqsima 3.4). Fl-aħħar nett, fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni qieset kif xieraq l-osservazzjonijiet u l-evidenza li rċeviet mingħand il-partijiet interessati, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli fir-rigward tal-elementi ta' hawn fuq. Il-Kummissjoni indirizzat speċifikament l-affermazzjonijiet rilevanti magħmula mill-partijiet interessati fir-rigward tal-estensjoni fit-Taqsima 4.

[10] Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83 tas-27.3.2015).

[11] Notifika ta' bidu dwar l-estensjoni possibbli fiż-żmien u r-rieżami tal-miżuri ta' salvagwardja applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU C, C/2024/1460, 9.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/notice/C/2024/1460/oj.

[12] Il-verżjonijiet miftuħa tat-tweġibiet għall-kwestjonarju huma disponibbli għall-ispezzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl miftuħ tal-investigazzjoni: https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI (aċċessibbli għall-partijiet interessati rreġistrati).

(10) Sussegwentement, il-Kummissjoni vvalutat il-ħtieġa li jsiru ċerti aġġustamenti tekniċi għall-miżura. Dan l-eżerċizzju segwa l-oqsma stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu (ara l-premessa (7)), u inkluda wkoll emenda teknika li tinkludi l-importazzjonijiet mill-Mozambique fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja.

3. VALUTAZZJONI TAL-ESTENSJONI

3.1. Rekwiżiti legali

(11) Skont l-Artikolu 7.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament dwar is-Salvagwardja Bażika tal-UE, il-perjodu ta' applikazzjoni ta' miżura ta' salvagwardja jista' jiġi estiż dment li l-miżura ta' salvagwardja tibqa' meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju ("it-test tan-neċessità") u li jkun hemm evidenza li l-industrija qed taġġusta. Barra minn hekk, l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar is-Salvagwardja Bażika tal-UE jiddetermina li l-miżura għandha tkun fl-interess tal-Unjoni.

3.2. Jekk il-miżura ta' salvagwardja għadhiex meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju (Test tan-Neċessità)

(12) Fir-rigward tal-ewwel kriterju legali, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju li rċeviet (Taqsima 3.2.1). Sussegwentement, il-Kummissjoni vvalutat diversi fatturi ewlenin sabiex tiddetermina kif l-importazzjonijiet x'aktarx jevolvu u kif tali evoluzzjoni taffettwa lill-produtturi tal-Unjoni fin-nuqqas ta' salvagwardja ("analiżi kontrofattwali", ara t-Taqsima 3.2.2.).

3.2.1. *Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni*

(13) Sabiex tivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni ħarġet kwestjonarji lill-produtturi magħrufa tal-azzar tal-Unjoni biex tiġbor informazzjoni dwar l-indikaturi tad-dannu għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni talbet lill-assoċjazzjonijiet magħrufa tal-industrija tal-Unjoni (EUROFER – l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ESTA – l-Assoċjazzjoni Ewropea tat-Tubi tal-Azzar u CET – Comité Européen de la Tréfilerie) biex iqassmu l-kwestjonarji fost il-membri individwali tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nnotifikat lill-produtturi magħrufa tal-Unjoni bit-talba biex jimtlew il-kwestjonarji permezz tas-sistema ta' fajls miftuħin (TRON) ([13]). Il-kwestjonarji kienu wkoll disponibbli wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea ([14]). L-istruzzjonijiet rilevanti kollha dwar il-kwestjonarji ġew inklużi wkoll fin-Notifika ta' Bidu.

(14) Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 100 tweġiba individwali għall-kwestjonarju minn membri tat-tliet assoċjazzjonijiet magħrufa tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll minn produtturi oħra tal-Unjoni li mhumiex membri ta' ebda assoċjazzjoni. Barra minn hekk, it-tliet assoċjazzjonijiet tal-industrija kkonsolidaw id-*data* pprovduta individwalment mill-membri tagħhom.

(15) Il-Kummissjoni kkonsolidat id-*data* li rċeviet direttament mingħand il-produtturi tal-Unjoni individwalment u kkontroverifikat il-preċiżjoni tagħha mas-sett ta' *data* ppreżentat mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni f'sessjonijiet mill-bogħod ta' kontroverifika ddedikati. Il-Kummissjoni mbagħad għaqqdet it-tweġibiet tal-membri tal-assoċjazzjoni mat-tweġibiet riċevuti mingħand produtturi mhux membri ta' assoċjazzjoni f'sett ta' *data* konsolidat, li kkostitwixxa l-bażi għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

([13]) https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI (aċċessibbli biss mill-partijiet interessati rreġistrati).

([14]) Disponibbli fuq is-sit web iddedikat għall-investigazzjoni tad-DĠ Kummerċ: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2519 (aċċess pubbliku).

(16) L-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni tidher fit-Tabelli 1 sa 4 hawn taħt:

(a) *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet*

Tabella 1

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet

f'000 tunnellata	2021	2022	2023
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat	178 257	158 704	154 158
indiċi 2021 = 100	*100*	*89*	*86*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat	231 509	229 881	230 139
indiċi 2021 = 100	*100*	*99*	*99*
Użu tal-kapaċità	77,00 %	69,04 %	66,98 %
Ħażniet	32 082 625	30 434 986	31 214 413
indiċi 2021 = 100	*100*	*95*	*97*

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(17) Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni naqas b'mod kostanti bi –11 % fl-2022 u b'–14 % fl-2023, meta mqabbel mal-2021. Il-kapaċità tal-produzzjoni baqgħet stabbli matul il-perjodu kollu u, għalhekk, l-użu tal-kapaċità segwa xejra ta' tnaqqis, u laħaq livell baxx ħafna ta' 67 % fl-2023. Fl-aħħar nett, il-ħażniet naqsu b'-5 % fl-2022 u bi -3 % fl-2023 meta mqabbla mas-sena 2021.

(b) *Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-sehem mis-suq tal-Unjoni* ([15])

Tabella 2

Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-sehem mis-suq tal-Unjoni

	2021	2022	2023
Konsum f'000 tunnellata	161 072	148 065	139 207
indiċi 2021 = 100	*100*	*92*	*86*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata	127 188	116 462	111 165
indiċi 2021 = 100	*100*	*92*	*87*
Sehem mis-suq f'%	79,0 %	78,7 %	79,9 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

([15]) Billi t-tweġibiet għall-kwestjonarju ma jinkludux kull produttur tal-azzar fl-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ġie kkalkulat abbażi tad-data dwar il-konsum, id-data dwar l-importazzjoni u d-data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(18) Il-konsum fis-suq tal-Unjoni beda jonqos fl-2022 (-8 %), u din ix-xejra kompliet fl-2023 (-14 %) meta mqabbla mas-sena 2021. L-evoluzzjoni tal-volum tal-bejgħ domestiku mill-produtturi tal-Unjoni segwiet xejra simili ħafna matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni (-8 % fl-2022 u -13 % fl-2023 rispettivament meta mqabbla mal-2021). Matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, l-industrija tal-Unjoni żiedet is-sehem mis-suq tagħha b'0,9 punti perċentwali.

(c) *Il-prezz tal-bejgħ ta' unità, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u l-introjtu mill-investiment*

Tabella 3

Prezz tal-bejgħ ta' unità, profittabbiltà, fluss tal-flus u introjtu mill-investiment

	2021	2022	2023
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata)	914	1 230	1 028
indiċi 2021 = 100	*100*	*135*	*113*
Profittabbiltà (% tal-fatturat)	9,4 %	10,3 %	0,3 %
Fluss tal-flus (miljun EUR)	5 024	10 696	7 881
indiċi 2021 = 100	*100*	*213*	*157*
Introjtu fuq il-kapital użat (%)	25,2 %	22,5 %	– 2,2 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(19) Il-prezz tal-bejgħ ta' unità żdied b'35 % fl-2022 u bi 13 % fl-2023 meta mqabbel mal-2021. Il-fluss tal-flus żdied b'113 % fl-2022 u b'57 % fl-2023 meta mqabbel mas-sena 2021. L-introjtu fuq il-kapital użat naqas bi ftit fl-2022 u laħaq ċifri negattivi fl-2023 (– 2,2 %).

(20) Iż-żieda fil-prezzijiet u l-irkupru ta' wara l-COVID biddlu l-industrija tal-Unjoni f'waħda li tagħmel profitt fl-2021 (9,4 %) bil-profitti jiżdiedu bi ftit fl-2022 (10,3 %). Fl-2023 il-profittabbiltà naqset b'mod drastiku, u laħqet biss profitt ta' 0,3 %.

(d) *Impjieg*

Tabella 4

Impjieg

(FTE)	2021	2022	2023
Impjieg	180 958	181 913	179 867
indiċi 2021 = 100	*100*	*101*	*99*

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(21) L-impjiegi baqgħu stabbli matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, bi tnaqqis ta' -1 % fl-2023 meta mqabbla mal-2021.

Konklużjoni

(22) L-indikaturi tad-dannu wrew li fl-2021 l-industrija tal-Unjoni laħqet livelli tajbin ta' profittabbiltà, xprunati l-aktar minn prezzijiet għoljin u rkupru qawwi fid-domanda wara l-COVID-19. Madankollu, mit-tieni nofs tal-2022, l-industrija tal-Unjoni bdiet turi sinjali ta' deterjorament. Xi indikaturi importanti bħall-produzzjoni, il-bejgħ u l-użu tal-kapaċità wrew xejra negattiva ([16]), u l-kostijiet tal-enerġija żdiedu b'mod sinifikanti ([17]). Id-deterjorament tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi ekonomiċi sar aktar akut fl-2023, bi tnaqqis fil-prezzijiet f'kuntest ta' kostijiet tal-enerġija ogħla mil-livelli medji tal-passat, u tnaqqis drastiku fil-bejgħ u l-produzzjoni domestiċi fis-suq tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, l-użu tal-kapaċità laħaq l-aktar livell baxx fl-aħħar għaxar snin u l-profittabbiltà naqset b'mod drastiku (laħqet livell ta' ekwilibriju). Filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kisbet kważi punt perċentwali wieħed tas-sehem mis-suq fl-2023 meta mqabbla mal-2021 għad-detriment tat-tnaqqis tal-profittabbiltà, dan l-iżvilupp jenħtieġ li jitqies fil-kuntest ta' pressjoni għolja persistenti fuq l-importazzjoni ([18]), bl-importazzjonijiet jilħqu sehem mis-suq ogħla matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni minn dawk tal-perjodi preċedenti ([19]), kif se jiġi spjegat fit-Taqsima 3.2.2. hawn taħt.

(23) Abbażi tal-indikaturi ta' hawn fuq (Tabelli 1 sa 4), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istat tal-industrija tal-Unjoni kien iddeterjora bejn l-2021 u l-2023 u li kienet f'sitwazzjoni fraġli fi tmiem il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Analiżi addizzjonali għal kull familja ta' prodotti

(24) Skont l-approċċ tal-investigazzjoni oriġinali, ([20]) il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu għal kull familja ta' prodotti. ([21]) Il-familji ta' prodotti koperti mis-salvagwardja tal-azzar huma prodotti ċatti, prodotti twal u tubi.

(25) It-Tabelli 5 sa 8 hawn taħt juru l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu għal kull familja ta' prodotti:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni, użu tal-kapaċità, ħażniet

f'000 tunnellata	2021	2022	2023
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (ċatti)	133 919	118 680	117 230
indiċi 2021 = 100	*100*	*89*	*88*
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (twal)	38 061	33 729	30 848
indiċi 2021 = 100	*100*	*89*	*81*
Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (tubi)	6 277	6 295	6 080
indiċi 2021 = 100	*100*	*100*	*97*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (ċatti)	168 949	167 811	168 540
indiċi 2021 = 100	*100*	*99*	*100*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (twal)	50 958	50 622	50 219

([16]) Għat-tqabbil tal-evoluzzjoni tal-indikaturi qabel l-2021, ara l-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni, Tabelli 1-4.

([17]) Ara l-bażi tad-*data* tas-CRU għall-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija fl-Unjoni u tqabbil tal-kostijiet tal-enerġija tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni u tal-produtturi fi swieq oħra (disponibbli b'abbonament).

([18]) Ara t-Taqsima 3.2.2. (a) u (b).

([19]) Inklużi l-livelli ta' qabel l-impożizzjoni ta' miżura ta' salvagwardja u dawk tal-ewwel snin tal-applikazzjoni tal-miżura vvalutata fl-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.

([20]) Ir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva, il-premessa (47).

([21]) Għal deskrizzjoni sħiħa tal-familji ta' prodotti, ara l-Premessa (21) tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva.

f'000 tunnellata	2021	2022	2023
indiċi 2021 = 100	*100*	*99*	*99*
Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (tubi)	11 602	11 449	11 380
indiċi 2021 = 100	*100*	*99*	*98*
Użu tal-kapaċità (ċatti)	79,27 %	70,72 %	69,56 %
Użu tal-kapaċità (twal)	74,69 %	66,63 %	61,43 %
Użu tal-kapaċità (tubi)	54,10 %	54,99 %	53,43 %
Ħażniet (ċatti)	25 377	22 941	24 042
indiċi 2021 = 100	*100*	*90*	*95*
Ħażniet (twal)	3 349	3 468	3 274
indiċi 2021 = 100	*100*	*104*	*98*
Ħażniet (tubi)	3 357	4 026	3 899
indiċi 2021 = 100	*100*	*120*	*116*

Sors: *Data* tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

Tabella 6

Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-sehem mis-suq tal-Unjoni

	2021	2022	2023
Konsum f'000 tunnellata (ċatti)	92 700	84 749	81 344
indiċi 2021 = 100	*100*	*91*	*88*
Konsum f'000 tunnellata (twal)	57 398	53 223	48 072
indiċi 2021 = 100	*100*	*93*	*84*
Konsum f'000 tunnellata (tubi)	10 973	10 093	9 790
indiċi 2021 = 100	*100*	*92*	*89*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (ċatti)	68 864	63 050	61 409
indiċi 2021 = 100	*100*	*92*	*89*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (twal)	50 011	45 512	42 139
indiċi 2021 = 100	*100*	*91*	*84*
Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (tubi)	8 312	7 900	7 617
indiċi 2021 = 100	*100*	*95*	*92*
Sehem mis-suq f'% (ċatti)	74,3 %	74,4 %	75,5 %
Sehem mis-suq f'% (twal)	87,1 %	85,5 %	87,7 %
Sehem mis-suq f'% (tubi)	75,8 %	78,3 %	77,8 %

Sors: *Data* tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

Tabella 7

Prezz tal-bejgħ ta' unità, profittabbiltà, fluss tal-flus u introjtu mill-investiment

	2021	2022	2023
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (ċatti)	971	1 309	1 104
indiċi 2021 = 100	*100*	*135*	*114*
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (twal)	759	1 016	804
indiċi 2021 = 100	*100*	*134*	*106*
Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (tubi)	1 177	1 581	1 382
indiċi 2021 = 100	*100*	*134*	*117*
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (ċatti)	10,6 %	11,0 %	0,1 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (twal)	7,6 %	9,6 %	– 1,0 %
Profittabbiltà (% tal-fatturat) (tubi)	5,1 %	7,3 %	5,6 %
Fluss tal-flus (miljun EUR) (ċatti)	3 434	6 326	5 999
indiċi 2021 = 100	*100*	*184*	*175*
Fluss tal-flus (miljun EUR) (twal)	1 439	3 509	682
indiċi 2021 = 100	*100*	*244*	*47*
Fluss tal-flus (miljun EUR) (tubi)	151	861	1 200
indiċi 2021 = 100	*100*	*571*	*795*
Introjtu fuq il-kapital użat (%) (ċatti)	29,04 %	26,64 %	– 3,24 %
Introjtu mill-investiment (%) (twal)	16,95 %	18,31 %	– 3,15 %
Introjtu mill-investiment (%) (tubi)	29,31 %	11,00 %	7,81 %

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

Tabella 8

Impjieg

(FTE)	2021	2022	2023
Impjieg (ċatti)	114 657	114 444	114 053
indiċi 2021 = 100	*100*	*100*	*99*
Impjieg (twal)	40 053	39 870	39 485
indiċi 2021 = 100	*100*	*100*	*99*
Impjieg (tubi)	26 248	27 599	26 329
indiċi 2021 = 100	*100*	*105*	*100*

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(26) Abbażi tal-indikaturi ta' hawn fuq, l-analiżi għal kull familja ta' prodott, tikkorrobora s-sejbiet għall-prodott ikkonċernat: is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat u bħalissa tinsab f'sitwazzjoni fraġli. Anki għall-familja ta' prodotti li wriet prestazzjoni aħjar fir-rigward tal-profittabbiltà u tal-iżviluppi fis-sehem mis-suq (tubi), madankollu rat deterjorament ta' indikaturi ewlenin oħra bħall-użu tal-kapaċità, il-livelli tal-produzzjoni u l-bejgħ domestiku matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

3.2.2. *Analiżi kontrofattwali*

(a) Il-pressjoni fuq l-importazzjoni - L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq

(27) Il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet, kemm f'termini ġenerali kif ukoll meta mqabbla mal-konsum, biex tiddetermina l-firxa tal-pressjoni li setgħu eżerċitaw fuq is-suq tal-Unjoni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tat-TRQs użati (Ara t-Taqsima 3.2.2(b)).

(28) L-importazzjonijiet fl-Unjoni fl-2023 naqsu bi –17 % meta mqabbla mal-2021, meta kienu laħqu t-tieni l-ogħla livell mill-2013 'l hawn ([22]).

Tabella 9

Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet

	2021	2022	2023
Volum ta' importazzjonijiet 000 tunnellata	33 884	31 603	28 042
indiċi 2021 = 100	*100*	*93*	*83*

Sors: L-Eurostat.

(29) L-analiżi fil-livell tal-familja ta' prodotti kkonfermat din ix-xejra ġenerali kif muri fit-Tabella 10 hawn taħt.

Tabella 10

Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet għal kull familja ta' prodotti

	2021	2022	2023
Konsum f'000 tunnellata (ċatti)	92 700	84 749	81 344
indiċi 2021 = 100	*100*	*91*	*88*
Konsum f'000 tunnellata (twal)	57 398	53 223	48 072
indiċi 2021 = 100	*100*	*93*	*84*
Konsum f'000 tunnellata (tubi)	10 973	10 093	9 790
indiċi 2021 = 100	*100*	*92*	*89*

([22]) Għal stampa usa' tal-evoluzzjoni tal-importazzjoni fis-snin preċedenti, ara t-Tabella 2 tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva u t-Tabella 9 tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.

	2021	2022	2023
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (ċatti)	23 835	21 699	19 935
indiċi 2021 = 100	*100*	*91*	*84*
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (twal)	7 387	7 711	5 933
indiċi 2021 = 100	*100*	*104*	*80*
Importazzjonijiet f'000 tunnellata (tubi)	2 661	2 192	2 174
indiċi 2021 = 100	*100*	*82*	*82*
Sehem mis-suq f'% (ċatti)	25,7 %	25,6 %	24,5 %
Sehem mis-suq f'% (twal)	12,9 %	14,5 %	12,3 %
Sehem mis-suq f'% (tubi)	24,2 %	21,7 %	22,2 %


Sors: *Id-data* tal-industrija, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-Eurostat.

(30) Il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet skont l-evoluzzjoni tal-konsum matul l-istess perjodu. Il-graff hawn taħt turi li l-konsum laħaq l-ogħla livell fl-2017–2018. Madankollu, fl-2023 ra tnaqqis drastiku, li laħaq l-aktar livell baxx mill-2013 'l hawn ([23]). Min-naħa l-oħra, is-sehem tal-importazzjonijiet ra żieda qawwija u kontinwa sal-2018, meta l-miżura ta' salvagwardja ġiet introdotta b'mod provviżorju f'Lulju, u naqas b'mod moderat fis-sentejn ta' wara. Madankollu, mill-2021, is-sehem tal-importazzjonijiet reġa' żdied, u għadu f'livelli sostanzjalment ogħla minn dawk ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja. Għalhekk, l-investigazzjoni kkonkludiet li l-livell ta' pressjoni fuq l-importazzjoni f'termini ta' sehem mis-suq, huwa saħansitra ogħla mil-livelli ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja ([24]) u dawk stabbiliti skont l-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni ([25]).

([23]) L-2013 hija l-ewwel sena tal-perjodu kopert mill-ġbir tad-*data* tal-Kummissjoni fil-kuntest tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva.

([24]) Diġà fil-miżura definittiva, b'sehem aktar baxx ta' penetrazzjoni tal-importazzjoni, il-Kummissjoni kienet stabbiliet li ż-żieda fl-importazzjonijiet (+71 %) kienet sinifikanti. Ara t-Taqsima 3 tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva.

([25]) Ara l-premessa (25) tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.



Sorsi: Għall-importazzjonijiet, il-Eurostat. Għall-konsum, il-kwestjonarju tal-industrija tal-UE jwieġeb kif ipprovdut fl-investigazzjoni oriġinali (snin 2013–2017), l-investigazzjoni dwar l-Ewwel Rieżami tal-Estensjoni (snin 2018–2020) u l-investigazzjoni dwar it-Tieni Rieżami tal-Estensjoni (snin 2021–2023) rispettivament.


(b) Pressjoni fuq l-importazzjoni - Evoluzzjoni tal-Użu tat-TRQs

(31) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-pressjoni fuq l-importazzjoni fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-użu tat-TRQs. ([26]) L-ewwel nett, il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tat-TRQs mill-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni. Id-*data* fil-graff ta' hawn taħt turi l-volumi ta' TRQs disponibbli fi tmiem kull waħda mill-aħħar sentejn ta' salvagwardja ([27]), li turi użu medju ta' TRQs ta' madwar 46 % fi tmiem l-aħħar trimestru ta' sena ta' salvagwardja (April-Ġunju) b'bejn 7 u 8,5 miljun tunnellata ta' TRQs mhux użati fis-snin 4 u 5 rispettivament. Fis-sena ta' salvagwardja attwali ([28]) (*data* disponibbli sal-21 ta' Mejju 2024) ix-xejra ta' TRQs disponibbli tidher li hija komparabbli. Għalhekk, il-Kummissjoni ma osservatx bidla kbira meta wieħed iħares lejn l-użu ġenerali ta' TRQs fi tmiem l-aħħar sentejn ta' salvagwardja, inkluża s-sena attwali.

([26]) *Data* estratta mis-sit web iddedikat tal-Kummissjoni li tipprovdi informazzjoni dwar kull użu ta' TRQ, u li tiġi aġġornata kuljum. Id-*data* sottostanti użata għal din l-analiżi hija disponibbli għall-pubbliku fuq: https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp.

([27]) Is-Sena 4 tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, is-Sena 5 tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.

([28]) Is-Sena 6, tkopri l-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024.




Sors: Kalkolu tad-DĠ KUMMERĊ ibbażat fuq id-data disponibbli fil-bażi tad-data tal-użu tal-kwoti tad-DĠ TAXUD: https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp.

(32) It-tieni, il-Kummissjoni vvalutat l-aktar żviluppi reċenti billi eżaminat l-użu tat-TRQs sa issa fis-sena ta' salvagwardja li għaddejja ([29]) fuq bażi trimestrali.

(33) L-analiżi tal-użu tat-TRQs ikkonfermat li kien hemm volumi sinifikanti u li qed jiżdiedu ta' TRQs mhux użati, li laħqu madwar 7 miljun tunnellata mhux użati fi tmiem it-trimestru ta' Jannar-Marzu 2024. B'riżultat ta' dan, l-użu tat-TRQs wara tliet trimestri kien ta' 47 %, kif muri fil-graff ta' hawn taħt. Madankollu, fil-valutazzjoni tal-pressjoni fuq l-importazzjoni, ir-rata tal-użu tat-TRQs jeħtieġ li tiġi analizzata flimkien mal-evoluzzjoni tas-sehem tal-importazzjonijiet fit-Taqsima 3.2.2.(a), li wriet żieda medja meta mqabbla mal-perjodi preċedenti u b'valutazzjoni aktar granulari, bħal dik imwettqa aktar 'l isfel f'din it-Taqsima. B'mod partikolari, meta jitqies li l-volumi ta' TRQs żdiedu b'madwar 25 % mill-2019 minħabba l-liberalizzazzjoni u ż-żieda inizjali u li l-konsum naqas b'mod sostanzjali u mhuwiex mistenni li jirkupra b'mod sinifikanti fil-futur qrib.

([29]) *Data* mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Marzu 2024.



Sors: Kalkolu tad-DĠ KUMMERĊ ibbażat fuq id-data disponibbli fil-bażi tad-data tal-użu tal-kwoti tad-DĠ TAXUD: https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp.

(34) Fil-fatt, analiżi aktar dettaljata ta' din id-*data* żvelat li bħala medja, matul it-tliet trimestri vvalutati, ġew eżawriti 21 TRQ individwali (kemm jekk speċifiċi għall-pajjiż kif ukoll jekk residwi) f'diversi kategoriji ta' prodotti. Il-volumi medji kkombinati tagħhom irrappreżentaw 32 % (kważi żewġ miljun tunnellata kull trimestru) tal-volum medju totali ta' importazzjonijiet fl-istess perjodu.

(35) F'termini ta' oriġini, l-investigazzjoni kkonfermat ukoll li għadd rilevanti ta' dawn it-TRQs ġew eżawriti minn uħud mill-akbar pajjiżi esportaturi tal-azzar lejn l-Unjoni ([30]), li kienu qed jeżawrixxu minn wieħed sa tmienja tat-TRQs speċifiċi għall-pajjiż rispettivi tagħhom fi trimestru partikolari ([31]). Xejriet simili ta' esportazzjoni kienu diġà ġew identifikati mill-Kummissjoni fl-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni ([32]). Barra minn hekk, l-akbar TRQ taħt il-miżura (it-TRQ residwa fil-kategorija 1) ġiet eżawrita b'mod konsistenti kważi immedjatament matul l-aħħar tliet trimestri konsekuttivi, li turi mġiba opportunistika kontinwa minn ċerti pajjiżi terzi ([33]).

(36) L-eżawriment tat-TRQs u l-pass ta' tali eżawriment f'xi każijiet huma indikatur ta' dawk it-TRQs li fil-każ tagħhom kien aktar probabbli li volumi addizzjonali kienu jippenetraw is-suq tal-Unjoni fin-nuqqas tal-miżura ta' salvagwardja. F'dan ir-rigward, il-miżura ta' salvagwardja kienet għalhekk qed tipprevjeni pressjoni addizzjonali fuq l-importazzjoni. Għalhekk, fid-dawl ta' din id-*data*, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawn ix-xejriet ta' użu ta' TRQs, li seħħew f'livelli differenti fil-familji kollha tal-prodotti, komplew jikkonfermaw il-livell għoli ta' pressjoni fuq l-importazzjoni eżistenti fis-suq tal-azzar tal-Unjoni.

([30]) Dawn l-oriġini huma ċ-Ċina, l-Indja, il-Korea, it-Tajwan u t-Turkija.
([31]) Bħala medja, l-għadd ta' TRQs eżawriti minn dawn l-oriġini kien jirrappreżenta 65 % tat-TRQs totali eżawriti.
([32]) Ara l-premessi (27)-(28) tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.
([33]) Ott-Diċ 2023, Jan-Mar 2024, Apr-Ġun 2024. Ġie identifikat mudell simili f'xi trimestri fil-kategorija ta' prodotti 16 (virga tal-wajer).

(c) L-evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet madwar id-dinja mill-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar u tal-konsum fis-swieq domestiċi tagħhom

(37) L-importazzjonijiet fl-Unjoni naqsu bi –17 % fl-2023 meta mqabbla mal-2021 ([34]). Fl-istess ħin, kif muri fit-Tabella 11 hawn taħt, matul l-istess perjodu l-importazzjonijiet fis-suq tal-Istati Uniti naqsu wkoll bi –8 % u komplew ikunu sostanzjalment aktar baxxi mill-ogħla livell milħuq fl-2017, qabel l-impożizzjoni tal-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti. Fl-2023, l-importazzjonijiet naqsu bi kważi 6 miljun tunnellata meta mqabbla mal-2017, l-aħħar sena qabel it-Taqsima 232.

Tabella 11

Importazzjonijiet fl-Istati Uniti f'tunnellati

Sena	2017	2021	2022	2023
Total tal-Pajjiżi terzi (għajr l-UE)	21 933 440	17 977 836	19 473 713	16 405 997

Sors: Il-Kummissjoni Internazzjonali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ([35]).

(38) Wara li identifikat l-evoluzzjoni tal-volumi tal-importazzjoni fl-akbar żewġ swieq importaturi tal-azzar (l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka) ([36]), il-Kummissjoni analizzat il-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-pajjiżi ewlenin li jfornu l-azzar lejn l-Unjoni ([37]) lejn pajjiżi terzi (għajr l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka).

(39) It-Tabella 12 hawn taħt turi li, b'mod ġenerali, il-pajjiżi esportaturi ewlenin lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat naqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn swieq terzi oħra b'mod sostanzjali matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Valutazzjoni individwali tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni ta' dawn il-pajjiżi kkonfermat ukoll xejra negattiva mifruxa tal-evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet lejn swieq għajr l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka ([38]).

Tabella 12

Evoluzzjoni tal-esportazzjonijiet (eskluż dawk lejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka) tal-prodott ikkonċernat mill-pajjiżi ewlenin li jfornu l-azzar lejn l-UE lejn swieq terzi (eskluża ċ-Ċina)

Sena	2021	2022	2023	% ta' varjazzjoni	Varjazzjoni f'tunnellati
Tunnellati	100 433 268	85 647 917	80 921 385	- 19 %	- 19 511 882

Sors: Global Trade Atlas Din il-bażi tad-*data* tiġbor informazzjoni statistika fornuta mill-uffiċċji tal-istatistika doganali nazzjonali minn kull pajjiż: https://www.spglobal.com/marketintelligence/en/mi/products/maritime-global-trade-atlas.html.

(40) Fid-dawl ta' dawn iċ-ċifri, il-Kummissjoni kkonkludiet li minbarra li kellhom volumi aktar baxxi ta' esportazzjonijiet lejn is-suq tal-Unjoni (Tabella 9) u lejn is-suq tal-Istati Uniti (Tabella 11), dawn il-pajjiżi ġeneralment ma setgħux jissostitwixxu l-volumi ta' esportazzjoni tagħhom mitlufa fl-akbar żewġ swieq importaturi billi jesportawhom lejn swieq oħra. Għalhekk, f'termini ġenerali, il-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni kienu tilfu ammonti sostanzjali ta' volumi ta' esportazzjoni madwar id-dinja.

([34]) Ara t-Tabella 9 ta' dan ir-Regolament.
([35]) https://dataweb.usitc.gov/.
([36]) Ara l-Iżviluppi fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 7.
([37]) Dawn il-pajjiżi huma (elenkati b'mod alfabetiku): L-Eġittu, l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, it-Turkija u l-Vjetnam. Is-sehem tagħhom tal-importazzjonijiet totali lejn l-Unjoni kien ta' 65 % fl-2023.
([38]) Id-*data* miċ-Ċina, ukoll waħda mill-esportaturi ewlenin lejn l-Unjoni, ma ġietx inkluża peress li l-evoluzzjoni speċifika tagħha hija ttrattata separatament. L-istess analiżi li tinkludi l-esportazzjonijiet miċ-Ċina kienet turi żieda ta' 3 % fl-esportazzjonijiet fl-istess perjodu.

(41) Il-Kummissjoni kompliet tissupplimenta l-valutazzjoni tagħha stess bl-analiżi mwettqa mill-OECD dwar ambitu usa' tal-prodott. Id-*data* tal-OECD ikkonfermat il-valutazzjoni tal-Kummissjoni stess li l-volum ta' esportazzjonijiet tal-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar kien b'mod ġenerali naqas b'mod konsistenti matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni ([39]).

(42) L-unika eċċezzjoni notevoli minn din ix-xejra altrimenti konsistenti kienet tikkonċerna l-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet Ċiniżi, li żdiedu fl-2023, u laħqu madwar 95 miljun tunnellata ta' esportazzjonijiet. Dan kien jirrappreżenta żieda fl-esportazzjonijiet ta' 24 miljun tunnellata (+40 %) ([40]). Iż-żieda fl-esportazzjonijiet miċ-Ċina, minħabba d-daqs kbir tagħha, taħbi t-tnaqqis fl-esportazzjonijiet identifikati għal kważi l-pajjiżi esportaturi l-kbar l-oħra kollha. Għal din ir-raġuni, iċ-Ċina mhijiex inkluża fl-analiżi aggregata tat-Tabella 12 hawn fuq.

(43) Fil-fatt, il-pressjoni addizzjonali eżerċitata mill-esportazzjonijiet Ċiniżi żiedet b'mod sostanzjali l-kompetizzjoni fi swieq oħra ta' pajjiżi terzi ([41]). Dan kompla jnaqqas id-disponibbiltà u d-daqs tas-swieq tal-esportazzjoni madwar id-dinja ([42]) u kkontribwixxa għat-tnaqqis fl-esportazzjonijiet tal-pajjiżi l-oħra.

(44) F'dan ir-rigward, id-*data* tal-OECD żvelat li minkejja li l-biċċa l-kbira tal-akbar esportaturi tal-azzar naqqsu l-esportazzjonijiet tagħhom, l-importazzjonijiet f'ħafna mis-swieq tal-importazzjoni l-kbar minbarra l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka wrew xejra 'l fuq ([43]). Dan jidher li huwa, f'diversi minn dawn is-swieq mill-inqas (eż. l-ASEAN ([44]), il-Korea, it-Turkija ([45]), il-Brażil ([46])), xprunat preċiżament miż-żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi ([47]). Barra minn hekk, id-*data* mill-ewwel xhur tal-2024 ma turix sinjali li din l-imġiba tal-esportazzjoni miċ-Ċina qed titreġġa' lura ([48]).

(45) B'rabta ma' dan l-iżvilupp fl-esportazzjonijiet Ċiniżi, il-Kummissjoni vvalutat ukoll il-korrelazzjoni u l-impatt li tali żieda drastika fl-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn pajjiżi terzi kellha fis-suq tal-Unjoni f'termini ta' flussi ta' importazzjoni.

(46) Il-Kummissjoni kkonfermat li l-importazzjonijiet minn xi whud mill-oriġini fejn iċ-Ċina kienet żiedet b'mod sostanzjali l-preżenza tagħha fl-esportazzjoni fl-2023 (inklużi l-Vjetnam, l-Indoneżja u l-Malażja) ([49]) kif ukoll pajjiżi oħra li normalment jikkompetu maċ-Ċina f'tali swieq Asjatiċi (il-Ġappun ([50])) kienu żdiedu fis-suq tal-Unjoni fl-2023 ([51]). Dawn iż-żidiet kienu saħansitra aktar akuti meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja. Għalhekk, id-*data* analizzata tissuġġerixxi b'mod qawwi li, f'kuntest ġenerali ta' konsum aktar dgħajjef, din il-pressjoni qawwija u dejjem akbar fuq l-importazzjoni miċ-Ċina f'ċerti swieq terzi ġiegħlet lill-produtturi f'xi pajjiżi jsibu swieq tal-esportazzjoni oħra għal parti mill-produzzjoni tagħhom, fosthom is-suq tal-Unjoni ([52]).

([39]) Ara l-Iżviluppi fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 6.

([40]) Ara l-Iżvilupp fil-Kummerċ tal-Azzar u fil-Politika Kummerċjali tal-OECD (Lul. – Diċ. 2023), Taqsima 2.1.1. Dan il-volum huwa ogħla mill-volumi ta' esportazzjoni kkombinati tal-akbar erba' esportaturi tal-azzar fid-dinja li jmiss: il-Ġappun, il-Korea (ir-Repubblika tal-), l-Unjoni Ewropea u t-Turkija. Ara: OECD l-Iżviluppu fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 6.

([41]) Ara l-Iżviluppi fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 5.

([42]) Ara l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku fi swieq ewlenin fit-Tabella 13 ta' dan ir-Regolament.

([43]) Ara l-Iżviluppi fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 7.

([44]) Inklużi l-Vjetnam, il-Filippini, il-Malażja, it-Tajlandja, l-Indoneżja, Singapore.

([45]) Ara S&P Platts: "Turkish steel mills under pressure from low-priced Asian imports" https://www.spglobal.com/commodityinsights/en/market-insights/latest-news/metals/050924-turkish-steel-mills-under-pressure-from-low-priced-asian-imports-panel.

([46]) Ara Bloomberg: "China's $8.5 Billion in Steel Spurs Latin America Toward Tariffs" https://www.bloomberg.com/news/articles/2024-04-23/brazil-joins-protectionist-wave-in-face-of-cheap-steel-imports.

([47]) Ara l-Iżviluppi fil-Kummerċ tal-Azzar u fil-Politika Kummerċjali tal-OECD (Lul. – Diċ. 2023), Tabella 1, li għandha tinqara flimkien mal-Iżviluppi fis-Suq tal-Azzar tal-OECD fit-Tieni Trimestru tal-2024, Tabella 7.

([48]) Ara GMK: "In January-April, China increased steel exports by 27 percent" https://gmk.center/en/news/china-increased-steel-exports-by-27-y-y-in-january-april/; ara wkoll S&P Global Commodity Insights - Platts, World Steel Review, Volum 24, Ħarġa 19, 8 ta' Mejju, 2024 (disponibbli b'abbonament).

([49]) Il-Vjetnam żied l-esportazzjonijiet tiegħu tal-prodott ikkonċernat b'+37 % fl-2023 meta mqabbla mal-2021, il-Malażja b'+535 % u l-Indoneżja b'+66 %. Fil-każ tal-Vjetnam, l-akbar esportatur barra mill-oriġini vvalutati għal dan il-għan, iż-żieda fl-2023 meta mqabbla mas-sena bl-ogħla esportazzjonijiet qabel l-2021 (jiġifieri, l-2018) kienet +334 %

([50]) Il-Ġappun żied l-esportazzjonijiet tiegħu b'+106 % fl-2023 meta mqabbla mal-2021.

([51]) Il-Korea (ir-Repubblika ta'), li rat ukoll pressjoni miċ-Ċina fis-suq domestiku tagħha kif ukoll fuq swieq esportaturi oħra, żiedet ukoll il-preżenza tagħha fis-suq tal-Unjoni, għalkemm iż-żieda kienet aktar moderata.

([52]) L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet minn xi whud minn dawn l-oriġini lejn l-Unjoni hija żviluppata aktar fil-kuntest tal-analiżi tal-kapaċità żejda fit-Taqsima 3.2.2(d).

(47) Bħala l-pass li jmiss, il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku tal-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar ([53]) matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

Tabella 13

Evoluzzjoni tal-konsum fis-swieq ewlenin tal-produzzjoni tal-azzar (inklużi l-pajjiżi esportaturi ewlenin lejn l-UE)

Sena / Prodott	Kojl tat-tip HR u pjanċa tal-kojl	Kojl tat-tip CR	HDG + kojl tat-tip EZ	Pjanċa stanjata	Pjanċa mill-proċess imsejjaħ "reversing mill"	Rebar + virga tal-wajer	Virga tat-tip merchant + Sezzjonijiet Strutturali	Azzar għal-Linji tal-Ferrovija	kollha - inkluż iċ-Ċina	Iċ-Ċina	minħajr iċ-Ċina
2018	501 094	172 656	87 022	8 539	110 692	495 876	190 878	8 137	1 574 894	964 829	610 065
2019	505 033	167 801	90 303	8 820	113 426	531 934	197 669	8 710	1 623 696	1 024 141	599 556
2020	518 795	176 849	91 167	8 371	121 359	552 592	211 095	8 111	1 688 338	1 141 389	546 949
2021	544 636	182 974	90 038	8 094	118 641	547 644	207 966	7 050	1 645 904	1 050 573	595 331
2022	532 646	173 302	87 504	7 317	119 759	516 659	200 983	7 175	1 707 043	1 085 222	621 821
2023	559 856	181 132	92 419	8 020	126 071	502 780	200 126	7 376	1 677 781	1 068 225	609 556

Sors: Il-bażi tad-*data* tas-CRU (disponibbli b'abbonament).

(48) It-Tabella 13 ([54]) hawn fuq turi li, f'termini ġenerali, il-konsum fis-swieq domestiċi tal-esportaturi ewlenin tal-azzar naqas fl-2022 ([55]) b'61 miljun tunnellata (-4 %) meta mqabbel mal-2021 ([56]). Minn dan, il-konsum Ċiniż esperjenza l-akbar tnaqqis fil-volumi globali, bi tnaqqis ta'–34 miljun tunnellata. Fl-2023, it-tnaqqis globali meta mqabbel mal-2021 kien ta' –2 % (– 29,2 miljun tunnellata).

(49) L-analiżi f'din it-Taqsima kkonfermat li l-esportaturi ewlenin tal-azzar qed jesperjenzaw diffikultajiet dejjem akbar biex jesportaw parti mill-produzzjoni tagħhom lejn swieq terzi (ara wkoll it-Taqsima 3.2.2.(e) u (f) hawn taħt). Barra minn hekk, id-*data* wriet li ma tantx kien ikun possibbli li l-volumi ta' esportazzjoni mitlufa jiġu diretti lejn is-swieq domestiċi tagħhom stess fid-dawl tal-evoluzzjoni tal-konsum. Dan irriżulta f'telf sinifikanti ta' volumi mibjugħa kemm domestikament kif ukoll f'pajjiżi terzi għal ħafna mill-akbar fornituri tal-azzar lejn l-Unjoni.

(d) Kapaċità żejda

(50) L-evoluzzjoni tal-kapaċità żejda globali kienet element ewlieni fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirfed l-impożizzjoni ta' miżura ta' salvagwardja definittiva fi Frar 2019 ([57]) u l-estensjoni tagħha f'Ġunju 2021 ([58]). Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni vvalutat l-aħħar żviluppi tal-kapaċità żejda tal-azzar, billi bbażat ruħha fuq sorsi bħall-Kumitat tal-Azzar tal-OECD u l-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar (GFSEC, Global Forum on Steel Excess Capacity), li jikkonfermaw, fl-aktar rapporti reċenti tagħhom, li l-kapaċità żejda għadha f'livelli għoljin ħafna ([59]).

(51) Skont dawn is-sorsi, fl-2023, il-kapaċità globali tal-produzzjoni tal-azzar kienet stmata li qabżet il-produzzjoni b'aktar minn 550 miljun tunnellata metrika. Dan huwa ekwivalenti għall-produzzjoni kombinata tal-azzar tal-Indja, il-Kontinent Amerikan, l-UE, il-Ġappun u t-Turkija fl-2023 ([60]), u jammonta għal erba' darbiet il-konsum fis-suq tal-Unjoni fl-2023.

([53]) Il-pajjiżi esportaturi prinċipali tal-azzar tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni.
([54]) Din it-tabella hija maħsuba biex tagħti ħarsa ġenerali lejn ix-xejriet tal-konsum ta'xi wħud mill-kategoriji ta' prodotti ewlenin kummerċjalizzati madwar id-dinja. Id-*data* ma tirriflettix eżattament il-prodott ikkonċernat.
([55]) Id-*data* mill-2022 hija l-aktar *data* reċenti disponibbli għall-Kummissjoni minn dan is-sors.
([56]) Ix-xejra li tinkludi jew teskludi liċ-Ċina mill-kalkolu hija fil-biċċa l-kbira komparabbli.
([57]) Ara l-premessi (49-54) tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva
([58]) Ara wkoll il-premessi (38-43) tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni u l-premessa (87) tar-Regolament dwar ir-Rieżami tal-2023.
([59]) Ara l-OECD: "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026"; u l-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċesssiva tal-Azzar: "Steel Exports, Trade Remedy Actions and Sources of Excess Capacity"
([60]) Ara l-95 Sessjoni tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD - id-Dikjarazzjoni tal-President.

(52) Din id-*data* għalhekk uriet li s-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda ma tjibitx wara l-impożizzjoni tas-salvagwardja tal-azzar fl-2019. Minflok, għadha problema serja fis-settur tal-azzar, u mhijiex mistennija li titjieb fil-futur qrib. Fil-fatt, meta vvalutat l-iżviluppi probabbli tal-kapaċità żejda globali, il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li s-sitwazzjoni hija mistennija li tkompli tiddeterjora. L-OECD irrapportat li madwar 160 miljun tunnellata metrika ta' kapaċità ġdida hija ppjanata li tiġi installata bejn l-2024 u l-2026 ([61]). Tali kapaċitajiet ġodda, li huma akbar mill-konsum annwali tal-Unjoni, jiżdiedu f'perjodu li fih id-domanda globali għall-azzar hija mbassra li tikber b'mod modest, b'riskju li jkompli jiżdied id-distakk bejn il-kapaċità u d-domanda u b'hekk tkompli tiggrava s-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda.

(53) Barra minn hekk, l-informazzjoni analizzata kkonfermat li l-Unjoni kienet virtwalment l-uniku reġjun ewlieni tal-produzzjoni tal-azzar fejn il-kapaċità installata kienet naqset fil-perjodu bejn l-2018u l-2023 u għalhekk ma kkontribwietx għax-xejriet attwali fil-kapaċità żejda globali ([62]).

(54) Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll l-informazzjoni dwar il-kapaċità żejda bid-*data* mill-bażi tad-*data* tas-CRU ([63]) għall-pajjiżi ewlenin li jipproduċu l-azzar madwar id-dinja, li jinkludu l-pajjiżi ewlenin li jesportaw l-azzar lejn is-suq tal-Unjoni.

(55) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kapaċità żejda baqgħet f'livelli għoljin ħafna u x'aktarx li tiżdied saħansitra aktar.


(56) Minbarra li vvalutat l-aħħar evoluzzjoni tal-kapaċità żejda globali, il-Kummissjoni analizzat ir-rabtiet bejn il-kapaċità żejda li qed tikber f'xi pajjiżi u reġjuni, u l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fl-Unjoni minn tali oriġini. Din il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-istatistika tal-importazzjoni kif ukoll fuq ir-riċerka speċifika dwar l-evoluzzjoni tal-kapaċità żejda li saret mill-Kumitat tal-Azzar tal-OECD ([64]) u l-GFSEC ([65]).

(57) Skont il-GFSEC "f'dawn l-aħħar snin, ir-riskji ta' investiment żejjed saru dejjem aktar evidenti fix-Xlokk tal-Asja, partijiet tal-Lvant Nofsani u l-Afrika, fejn tali żidiet fil-kapaċità jaqbżu d-domanda lokali għall-azzar b'marġni wiesa' ħafna". Id-dokument żied jgħid li "l-Vjetnam, l-Indoneżja u l-Malażja esperjenzaw rati ta' tkabbir tal-kapaċità ta' aktar minn 35 % sa 95 %, filwaqt li d-domanda għall-azzar jew naqset jew żdiedet marġinalment (...) u li ċerti ekonomiji oħra fil-Lvant Nofsani, l-Asja t'Isfel u l-Afrika ta' Fuq ukoll qed jirreġistraw ukll tkabbir żbilanċjat (eż., l-Iran, il-Pakistan u l-Alġerija)" ([66]).

(58) Min-naħa tagħha, din l-informazzjoni kienet ukoll konformi ma' dik ipprovduta fil-livell tal-pajjiż mill-OECD, u wriet żieda sinifikanti fil-kapaċità f'dawn l-oriġini (kif ukoll oħrajn) ([67]). F'dan ir-rigward, l-investigazzjoni żvelat ukoll li parti minn dawn iż-żidiet fil-kapaċità kienet immexxija minn investimenti Ċiniżi barranin, b'mod partikolari iżda mhux limitat għar-reġjun tal-ASEAN ([68]).

([61]) Ara l-OECD: "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026", it-Taqsimiet 2.4 u 4.
([62]) *Ibid*, Tabella 1, p. 9.
([63]) Sors: Il-bażi tad-*data* tas-CRU għas-snin 2017–2023, iċ-ċifri tal-kapaċità żejda meta mqabbla mal-konsum u l-produzzjoni. https://www.crugroup.com/analysis/steel/ (aċċess b'abbonament).
([64]) Ara l-OECD: "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026".
([65]) Ara l-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċesssiva tal-Azzar: "Steel Exports, Trade Remedy Actions and Sources of Excess Capacity".
([66]) Ibid fil-paragrafi 12 u 13.
([67]) Ara l-OECD "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026", Anness C.
([68]) Ara OECD, "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026", Taqsimiet 2.4 u 3. Ara, ukoll: https://gmk.center/en/news/chinese-xinxing-invests-2-billion-in-steel-plants-in-egypt/; https://news.metal.com/newscontent/102434658/Another-Chinese-steel-mills-made-its-way-to-overseas-For-Chinese-companies-looking-to-invest-overseas-what-are-critical-factors-to-watch-for.

(59) Meta vvalutat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet fl-Unjoni għal kull oriġini, il-Kummissjoni identifikat li fil-perjodu 2022–2023, l-importazzjonijiet minn ċerti oriġini ([69]) kienu żdiedu ([70]), minkejja li l-miżura ta' salvagwardja kienet fis-seħħ. L-importazzjonijiet minn dawn l-oriġini ma kinux fost il-forniturі tradizzjonali tal-Unjoni u f'xi każijiet kienu kważi ineżistenti qabel il-miżura ta' salvagwardja u matul l-ewwel snin tal-applikazzjoni tagħha. Bħala tali, ma kkwalifikawx għal kwota speċifika għall-pajjiż (CSQ, country-specific quota) u għalhekk kienu qed jużaw l-ispazju disponibbli taħt it-TRQs residwi biex jippenetraw is-suq tal-Unjoni b'ritmu mgħaġġel ħafna u b'volumi għoljin. Tali preżenza f'daqqa ġġenerat tifxkil sinifikanti fis-suq u f'xi każijiet dgħajfet l-effettività tal-miżura (ara t-Taqsima 7.3 hawn taħt). Il-graff ta' hawn taħt turi l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minn xi whud minn dawn l-oriġini.



Sors: Eurostat.

(60) Il-graff turi li l-importazzjonijiet minn dawn l-oriġini żdiedu bi kważi 4 miljun tunnellata fl-2023 meta mqabbla mas-sena 2017, qabel il-miżura ta' salvagwardja.

(61) Għalhekk, l-analiżi tad-*data* disponibbli wriet korrelazzjoni diretta bejn l-evoluzzjoni tal-importazzjoni minn ċerti oriġini fis-suq tal-Unjoni, u l-evoluzzjoni u l-istat ta' kapaċità żejda ta' dawn l-oriġini, flimkien maż-żieda fil-preżenza tal-esportazzjonijiet Ċiniżi f'xi whud minnhom. Kif żviluppat fit-Taqsima 7.3 hawn taħt, l-investigazzjoni kkonfermat li tali penetrazzjoni aggressiva f'suq soġġett għal salvagwardja diġà kien qed ikollha impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni, u għalhekk kienu meħtieġa aktar azzjonijiet li jikkonċernaw il-funzjonament tal-miżura biex jiġu kkumpensati tali effetti.

(e) Miżuri ta' pajjiżi terzi, inkluża t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti

(62) Fir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva, il-Kummissjoni sabet li l-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti fuq ċerti prodotti tal-azzar x'aktarx li jikkawżaw devjazzjoni konsiderevoli tal-kummerċ lejn is-suq tal-Unjoni tal-esportazzjonijiet oriġinarjament destinati għas-suq tal-Istati Uniti, jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni ta' rimedju mill-Unjoni. Fir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm evidenza li l-ewwel sinjali ta' devjazzjoni tal-kummerċ kienu diġà qed iseħħu fl-2018 ([71]). Fl-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni, il-Kummissjoni kkonfermat li r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ li jirriżulta minn din il-miżura baqa' preżenti ([72]). Barra minn hekk, fil-kuntest tat-Tielet Regolament dwar ir-Rieżami tal-Funzjonament, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni dettaljata speċifika tal-impatt ta' din il-miżura fuq il-flussi kummerċjali potenzjali fis-suq tal-Unjoni. F'dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ baqa' preżenti, minkejja l-bidliet fit-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ([73]).

([69]) Dawn l-oriġini jinkludu: l-Alġerija, l-Eġittu, l-Indonesja, il-Malażja u l-Vjetnam.
([70]) L-importazzjonijiet minn dawn l-oriġini żdiedu bi 344 % meta mqabbla mal-2017, l-aħħar sena qabel ma ġiet imposta l-miżura ta' salvagwardja.
([71]) Ara l-premessi (99) sa (110) tar-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva.
([72]) Ara t-Taqsima 3.1.2.(c) tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.
([73]) Taqsima 3.5 tat-Tielet Regolament dwar ir-Rieżami tal-Funzjonament.

(63) Fl-investigazzjoni attwali, il-Kummissjoni vvalutat l-aħħar status tal-miżura tal-Istati Uniti biex tiddetermina jekk is-sejbiet preċedenti baqgħux validi. L-investigazzjoni kkonfermat li l-miżura baqgħet fis-seħħ u li ma kienet soġġetta għal ebda bidla sostanzjali f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni jew funzjonament mill-aħħar darba li l-Kummissjoni vvalutatha fl-2023 ([74]). Barra minn hekk, abbażi tal-informazzjoni disponibbli ([75]), deher raġonevoli li wieħed jassumi li l-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ma kinitx se titneħħa jew tiġi mmodifikata sostanzjalment fil-futur prevedibbli.

(64) Il-Kummissjoni wriet fit-Tabella 11 (importazzjonijiet fl-Istati Uniti tal-Amerka) li l-livell tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Istati Uniti kien baqa' sostanzjalment aktar baxx milli fil-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tat-Taqsima 232. Barra minn hekk, kif muri fit-Taqsimiet 3.2.2 (c) (esportazzjonijiet lejn swieq oħra u konsum domestiku), l-akbar fornituri tal-Unjoni ġeneralment ma sabux swieq oħra li jissostitwixxu l-volumi li qabel kien jesportaw, *inter alia*, lejn is-suq tal-Istati Uniti.

(65) Għaldaqstant, ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni bħala riżultat tal-miżuri tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti jibqa' preżenti kompletament jekk il-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni tiskadi.

(66) Minbarra t-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, l-Istati Uniti tal-Amerka indikaw ukoll li se jżidu d-dazji fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar miċ-Ċina skont it-Taqsima 301 ([76]). Din il-miżura żżid id-diffikultajiet għaċ-Ċina biex tesporta lejn is-suq tal-Istati Uniti, u toħloq riskju ulterjuri ta' devjazzjoni tal-kummerċ, jew minn volumi addizzjonali tal-azzar esportati direttament miċ-Ċina lejn l-Unjoni, jew indirettament, permezz ta' spostament ta' oriġini oħra fi swieq terzi minħabba żieda fil-preżenza Ċiniża, kif diġà ġie osservat fit-Taqsima 3.2.2 (d) hawn fuq. Dawn il-volumi jistgħu mbagħad ikunu, tal-inqas parzjalment, diretti lejn is-suq tal-Unjoni.

(67) Minbarra l-Istati Uniti tal-Amerka, il-Kummissjoni identifikat ukoll miżuri ġodda, minbarra l-Istrumenti għad-Difiża tal-Kummerċ ("TDI", Trade Defence Instruments), ([77]) adottati minn ġuriżdizzjonijiet oħra. Pereżempju, f'Awwissu 2023, il-Messiku żied id-dazji tal-importazzjoni ta' xi prodotti tal-azzar minn 15 % għal 25 % ([78]). Fi Frar 2024 il-Brażil żied d-dazji tal-importazzjoni fuq diversi prodotti tal-azzar. ([79]) F'April 2024, it-Turkija rrestrinġiet l-esportazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar lejn Iżrael ([80]).

(68) Għalhekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-għadd u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri adottati minn pajjiżi terzi komplew jiżdiedu, u dan jaggrava r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ hekk kif is-swieq disponibbli għall-esportaturi komplew jonqsu.

([74]) Ara t-Taqsima 4.1.2. tar-Regolament dwar ir-Rieżami tal-2023.

([75]) Ara "Fact Sheet: Biden-Harris Administration Announces New Actions to Protect U.S. Steel and Shipbuilding Industry from China's Unfair Practices", April 2024, li tindika li "(…) din hija sfida dejjem akbar li trid tiġi indirizzata biex jiġi evitat li l-esportazzjonijiet tal-azzar Ċiniżi u oħrajn jiksbu aċċess għas-suq tal-Istati Uniti u jevadu t-tariffi tat-Taqsima 232 jew tat-Taqsima 301. Il-President Biden reċentement bagħat membri għolja tal-amministrazzjoni tiegħu fil-Messiku biex jindirizzaw din il-kwistjoni".
https://www.whitehouse.gov/briefing-room/statements-releases/2024/04/17/fact-sheet-biden-harris-administration-announces-new-actions-to-protect-u-s-steel-and-shipbuilding-industry-from-chinas-unfair-practices/.
Ara wkoll: Id-Dikjarazzjoni mill-Kelliem tal-USTR Adam Hodge, 9 ta' Diċembru 2022; https://ustr.gov/about-us/policy-offices/press-office/press-releases/2022/december/statement-ustr-spokesperson-adam-hodge.

([76]) Ara "Fact Sheet: Biden-Harris Administration Announces New Actions to Protect U.S. Steel and Shipbuilding Industry from China's Unfair Practices", April 2024; https://www.whitehouse.gov/briefing-room/statements-releases/2024/04/17/fact-sheet-biden-harris-administration-announces-new-actions-to-protect-u-s-steel-and-shipbuilding-industry-from-chinas-unfair-practices/.
Ara wkoll "Fact Sheet: President Biden Takes Action to Protect American Workers and Businesses from China's Unfair Trade Practices", 14 ta' Mejju 2024:
https://www.whitehouse.gov/briefing-room/statements-releases/2024/05/14/fact-sheet-president-biden-takes-action-to-protect-american-workers-and-businesses-from-chinas-unfair-trade-practices/.

([77]) Valutazzjoni speċifika tal-miżuri TDI titwettaq fit-Taqsima 3.2.2. (f)


([78]) Ara S&P Platts: "Mexico imposes 25% tariff on imports of steel to improve domestic market" | S&P Global Commodity Insights (spglobal.com) S&P Global Commodity Insights (spglobal.com)

([79]) Ara t-thabbira mill-Gvern Brażiljan. "Gecex restores import tariffs for 5 steel NCMs" "https://www.gov.br/mdic/pt-br/assuntos/noticias/2024/fevereiro/gecex-recompoe-tarifas-de-importacao-para-5-ncms-do-aco"

([80]) Ara S&P Platts: "Türkiye restricts steel and aluminium exports to Israel"; li b'mod partikolari jinnota li "peress li Iżrael huwa wieħed mid-destinazzjonijiet primarji tal-esportazzjoni tal-azzar twil tat-Turkija, ir-restrizzjonijiet jistgħu jagħmlu ħsara lill-volumi tal-esportazzjoni u l-ipprezzar tal-imtieħen Torok".
https://www.spglobal.com/commodityinsights/en/market-insights/latest-news/metals/040924-Türkiye-restricts-steel-and-aluminum-exports-to-israel.

(f) Is-sitwazzjoni tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ f'pajjiżi terzi

(69) L-evoluzzjoni u l-istat tal-miżuri TDI fuq il-prodotti tal-azzar f'pajjiżi terzi ([81]) ġew ivvalutati f'investigazzjonijiet preċedenti ([82]). F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni eżaminat l-aktar żviluppi reċenti u kkonfermat li l-għadd ta' miżuri TDI stabbiliti kompla jiżdied u għadu f'livelli għoljin, kif muri fil-graff ta' hawn taħt.



Sors: Portal tar-Rimedji Kummerċjali tad-WTO - https://trade-remedies.wto.org/en.

(70) Barra minn hekk, din il-graff turi wkoll li sehem sinifikanti tal-miżuri ġie impost kontra l-esportaturi ewlenin tal-azzar lejn l-Unjoni ([83]). Dan ifisser li dawn il-pajjiżi qed jesperjenzaw diffikultajiet dejjem akbar biex jesportaw il-produzzjoni tagħhom lejn pajjiżi terzi wkoll bħala riżultat tal-għadd dejjem akbar ta' miżuri TDI kontrihom.

(71) Barra minn hekk, il-Kummissjoni osservat ukoll li ġuriżdizzjonijiet oħra kienu qed jipproponu li jestendu l-miżuri ta' salvagwardja eżistenti tagħhom, bħar-Renju Unit ([84]), jew li kienu qed jibdew investigazzjonijiet ġodda ta' salvagwardja , bħall-Afrika t'Isfel ([85]). L-għadd dejjem akbar ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ li qed jipproliferaw bejn il-ġuriżdizzjonijiet qed isaħħu d-diffikultajiet għall-pajjiżi esportaturi biex isibu opportunitajiet għall-produzzjoni tagħhom, f'kuntest ta' kapaċità żejda li qed tikber ([86]), li se tikkontribwixxi biex jiżdiedu t-tensjonijiet li diġà jeżistu fis-suq. Barra minn hekk, l-iżviluppi tas-suq osservati, b'mod partikolari ż-żieda fl-esportazzjonijiet Ċiniżi fost kundizzjonijiet dgħajfa tas-suq, jistgħu jirriżultaw f'aktar azzjonijiet ta' TDI ([87]).

([81]) L-esportazzjonijiet mill-UE soġġetti għal miżuri TDI ma jitqisux f'din il-valutazzjoni.

([82]) Ara l-premessi (33–34) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1013 tas-17 ta' Lulju 2018 li jimponi miżuri proviżorji ta' salvagwardja fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 181, 18.7.2018, p. 39–83), il-premessi (47–48) tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni u l-premessi (64–66) tar-Regolament ta' Rieżami tal-2023.

([83]) F'ordni alfabetika: Iċ-Ċina, l-Eġittu, il-Korea (ir-Repubblika ta'), l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġappun, it-Tajwan, it-Turkija u l-Vjetnam.

([84]) https://www.gov.uk/government/news/tra-recommends-steel-safeguard-measure-be-extended-to-2026.

([85]) https://www.wto.org/english/news_e/news24_e/safe_zaf_04mar24_e.htm.

([86]) Dwar ir-rabta bejn il-kapaċità żejda eżistenti u l-evoluzzjoni tal-azzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ, ara l-analiżi li saret mill-Forum Globali dwar il-Kapaċità Eċċessiva tal-Azzar: "Steel Exports, Trade Remedy Actions and Sources of Excess Capacity", Taqsima 4.

([87]) Ara d-dikjarazzjoni tal-President tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD: "Thassib dejjem akbar dwar it-tfixkil fil-kummerċ tal-azzar. Il-membri ddiskutew iż-żieda f'daqqa fl-esportazzjonijiet tal-azzar matul l-aħħar sena, b'mod partikolari miċ-Ċina, fejn l-esportazzjonijiet tal-azzar bħalissa qed joqorbu lejn l-ogħla livelli li dehru fl-2016. L-esportazzjonijiet indiretti tal-azzar (oġġetti li fihom l-azzar bħal makkinarju u vetturi) miċ-Ċina qed jiżdiedu wkoll. Dawn l-iżviluppi jirriskjaw li jwasslu għal aktar instabbiltà u azzjonijiet kummerċjali madwar id-dinja."

(g) L-attraenza tas-suq tal-Unjoni

(72) L-Unjoni hija bil-bosta l-akbar suq tal-importazzjoni tal-azzar fid-dinja f'termini ta' volumi. ([88]) F'termini ta' livelli tal-prezzijiet, il-prezzijiet tal-importazzjoni fl-Unjoni mill-pajjiżi fornituri ewlenin tagħha huma b'mod konsistenti ogħla mill-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom lejn swieq terzi oħra għal maġġoranza kbira tal-esportazzjonijiet tal-azzar tagħhom. Abbażi ta' valutazzjoni tal-prezzijiet mill-Kummissjoni, 57 % sa 93 % tal-kodiċijiet tal-prodotti analizzati għal kull pajjiż urew prezzijiet tal-esportazzjoni ogħla lejn l-Unjoni milli lejn swieq terzi oħra ([89]).

(73) Dan jindika b'mod ċar li l-esportaturi għandhom interess qawwi ħafna li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u xi drabi jġarrbu mġiba inġusta fl-ipprezzar. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar snin, il-Kummissjoni imponiet sensiela ta' miżuri anti-dumping u kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tal-azzar, anki fuq il-kategoriji ta' prodotti koperti mis-salvagwardja ([90]). Dan l-interess qawwi li jippenetraw is-suq tal-Unjoni huwa żvelat aktar minn xi pajjiżi li qed jippruvaw jevitaw il-miżuri TDI eżistenti ([91]). Ix-xejriet statistiċi tal-importazzjonijiet fl-Unjoni jikkonfermaw l-attraenza tas-suq tal-Unjoni għall-esportaturi. Bħala medja, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni saħansitra żiedu s-sehem mis-suq tagħhom matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni meta mqabbel mal-perjodu ta' qabel l-impożizzjoni tas-salvagwardja, f'kuntest ta' tnaqqis fil-konsum u minkejja salvagwardja fis-seħħ. Barra minn hekk, f'xi każijiet, it-TRQs disponibbli jiġu eżawriti malajr ħafna fi trimestru partikolari, li juri sinjali ta' mġiba opportunistika kontinwa.

(74) Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq tal-azzar tal-Unjoni baqa' attraenti fid-daqs u fil-prezzijiet.

(h) Prospetti tas-suq

(75) Sabiex tikkomplementa l-valutazzjoni tal-fatturi deskritti fit-Taqsimiet 3.2.2. a) sat-Taqsima 3.2.2. g), il-Kummissjoni analizzat ukoll l-aktar prospetti reċenti tas-suq disponibbli. Il-prospetti indikaw irkupru relattivament bil-mod fil-konsum fl-2024 u l-2025, meta mqabbel mal-2023, iżda xorta taħt il-volumi tal-2021.

(76) Fix-Short Range Outlook (SRO) tagħha ta' April 2024, Worldsteel ipprevediet li d-domanda dinjija għall-azzar se tikber b'1,7 % għal 1,793 mmt fl-2024 u b'1,2 %, u tilħaq 1,815 mmt, fl-2025. Dan l-irkupru modest fl-2024 (li bilkemm jirkupra ċ-ċifri tal-2022) u fl-2025 xorta jkun taħt il-volumi tad-domanda milħuqa fl-2021. Ir-rapport spjega li "l-prospetti ekonomiċi globali marru għall-agħar minħabba l-issikkar monetarju li jaffettwa l-konsum u l-investiment. Is-settur tal-kostruzzjoni, speċjalment dak residenzjali, ibati minn rati tal-imgħax u spejjeż għoljin, filwaqt li l-investiment fl-infrastruttura joffri xi għajnuna. Ir-ritmu tas-settur tal-manifattura tnaqqas minħabba domanda mdgħajfa, bl-oġġetti tal-konsum durabbli milquta ħażin" ([92]).

(77) Min-naħa tagħha, id-dikjarazzjoni tal-President fil-Kumitat tal-Azzar tal-OECD ta' Marzu 2024 innotat li l-aktar previżjonijiet reċenti għall-2024 u l-2025 jissuġġerixxu li t-tkabbir fid-domanda globali għall-azzar se jkompli jkun kajman ħafna ([93]).

([88]) Ara OECD Steel Market Developments, Q2 2024, Tabella 7.

([89]) Sors tad-*data* mhux ipproċessata: Global Trade Atlas – "GTA". https://www.gtis.com/gta/. Ċifri li jappartjenu għas-sena 2023, għall-esportazzjonijiet mill-pajjiżi ewlenin li jesportaw tal-azzar lejn l-Unjoni: F'ordni alfabetika: Iċ-Ċina, l-Eġittu, il-Korea (ir-Repubblika ta'), l-Indja, l-Indoneżja, il-Ġappun, it-Tajwan, it-Turkija u l-Vjetnam.

([90]) Ara s-sit web tad-DĠ KUMMERĊ għal lista sħiħa ta' miżuri imposti fuq importazzjonijiet tal-azzar mill-impożizzjoni tal-miżura ta' salvagwardja: https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/search.

([91]) Ara bħala eżempju reċenti "Commission fights circumvention of tariffs on imports of cold-rolled stainless steel": https://policy.trade.ec.europa.eu/news/commission-fights-circumvention-tariffs-imports-cold-rolled-stainless-steel-2024-05-07_en.

([92]) https://worldsteel.org/media/press-releases/2024/worldsteel-short-range-outlook-april-2024/.

([93]) Ara d-Dikjarazzjoni tal-President tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD: https://www.oecd.org/industry/ind/95-oecd-steel-chair-statement.htm#:~:text=The%20combined%20effects%20of%20inflation,steel%20consuming%20sector%2C%20and%20investment.

(78) Fl-aħħar nett, il-prospetti ekonomiċi tal-EUROFER kienu konformi mal-prospetti l-oħra vvalutati u indikaw li l-inċertezza ekonomika attwali hija mistennija li tkompli taffettwa t-tkabbir tas-suq tal-azzar matul it-trimestri li ġejjin u li fl-2024, it-tkabbir tas-setturi li jużaw l-azzar huwa mbassar li jkompli jonqos (+0,2 %, rivedut 'l isfel minn +0,4 %), prinċipalment minħabba t-tieni riċessjoni konsekuttiva fis-settur tal-kostruzzjoni, qabel ma jirpilja b'mod moderat (+1,5 %) fl-2025 ([94]).

(79) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sitwazzjoni fis-suq dinji tal-azzar b'mod ġenerali, u fl-Unjoni b'mod partikolari, se tkompli tkun ta' sfida mill-perspettiva tad-domanda.

3.2.3. *Konklużjonijiet dwar ir-rekwiżit tan-neċessità*

(80) Abbażi tal-evidenza u l-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni tinsab f'sitwazzjoni fraġli.

(81) Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-importazzjonijiet mill-pajjiżi esportaturi ewlenin tal-azzar eżerċitaw u għadhom qed jeżerċitaw pressjoni fuq l-importazzjoni għolja ħafna u li qed tiżdied fuq is-suq tal-azzar tal-Unjoni. Il-pressjoni tal-importazzjoni ġiet aggravata mill-penetrazzjoni f'daqqa u mgħaġġla tal-importazzjoni ta' varjetà ta' oriġini li ma kinux preżenti fis-suq tal-Unjoni f'volumi rilevanti fil-passat. Dan żied mal-pressjoni fuq l-importazzjoni identifikata f'investigazzjonijiet preċedenti.

(82) Il-Kummissjoni kkonfermat ukoll livelli għoljin ta' kapaċità żejda u żidiet mistennija fil-kapaċità fis-snin li ġejjin, f'kuntest ta' tkabbir bil-mod mistenni fid-domanda. Dan jissuġġerixxi li s-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda x'aktarx li mhijiex se titjieb.

(83) Il-pajjiżi esportaturi tilfu l-aċċess għas-suq mhux biss għall-akbar swieq importaturi (l-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerka) iżda wkoll għal swieq terzi oħra. Barra minn hekk, il-konsum domestiku tagħhom naqas ukoll b'mod ġenerali. Żieda fl-esportazzjonijiet miċ-Ċina ħolqot saff addizzjonali ta' pressjoni fuq il-kompetizzjoni fi swieq terzi, u spostat il-volumi minn pajjiżi esportaturi oħra, xejra li ma turix sinjali ta' treġġigħ lura fil-futur qrib.

(84) Il-miżuri restrittivi għall-kummerċ u dawk TDI kienu qed jiżdiedu u baqgħu f'livelli għoljin, u b'hekk ħolqu diffikultajiet addizzjonali għall-pajjiżi esportaturi biex isibu opportunitajiet għall-produzzjoni tagħhom. Fl-aħħar nett, l-investigazzjoni kkonfermat li s-suq tal-Unjoni kien attraenti f'termini ta' daqs u prezzijiet.

(85) Meta wieħed iqis il-grad ta' kapaċità żejda globali, in-numru għoli ta' ostakli għall-kummerċ f'diversi ġuriżdizzjonijiet u l-prospetti eżistenti tas-suq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk is-salvagwardja tiskadi, l-importazzjonijiet fl-Unjoni x'aktarx jiżdiedu. Tali żieda tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq l-importazzjoni fl-industrija fraġli tal-Unjoni u għalhekk, x'aktarx tikkawża dannu serju. Għalhekk, fid-dawl tal-elementi analizzati fit-Taqsimiet 3.1 u 3.2, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura baqgħet meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju għall-industrija tal-Unjoni.

([94]) https://www.eurofer.eu/assets/publications/economic-market-outlook/economic-and-steel-market-outlook-2024-2025-second-quarter/Economic-Report-Q2-2024_final.pdf.

3.3. **Jekk hemmx evidenza li l-Industrija tal-Unjoni qed taġġusta**

(86) Wieħed mill-għanijiet tal-istrument ta' salvagwardja huwa li jippermetti lill-produtturi domestiċi jaġġustaw waqt li jkunu fis-seħħ il-miżuri. Għalhekk, evidenza ta' aġġustamenti tal-industrija hija kundizzjoni meħtieġa biex tiġi estiża miżura ta' salvagwardja.

(87) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni diġà kkonfermat fl-2021 ([95]) li l-industrija tal-Unjoni kienet qed taġġusta. Fil-fatt, saż-żmien meta l-Kummissjoni introduċiet is-salvagwardja tal-azzar fl-2018, l-industrija tal-Unjoni kienet diġà bdiet proċess ta' aġġustament b'reazzjoni għall-kriżi serja tas-settur tal-azzar minn nofs l-2010, meta d-domanda dinjija għall-azzar naqset, u l-kapaċità madwar id-dinja kompliet tikber ([96]).

(88) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni ġabret evidenza ta' bosta aġġustamenti li saru mill-industrija tal-Unjoni permezz ta' tweġibiet għall-kwestjonarju ([97]), sottomissjonijiet bil-miktub, u r-riċerka tagħha stess (abbażi tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, bħal artikli li jirrapportaw aġġustamenti fl-industrija fil-kategoriji kollha msemmija hawn taħt).

(89) L-industrija tal-Unjoni ddokumentat bosta miżuri biex ittejjeb il-kompetittività fil-kundizzjonijiet attwali diffiċli tas-suq. Mill-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni fl-2021, l-industrija tal-Unjoni kompliet timplimenta għadd ta' miżuri ta' ristrutturar, bħall-għeluq ta' faċilitajiet inqas effiċjenti jew mhux utilizzati biżżejjed ([98]). Dan ġie kkonfermat mid-*data* tal-kapaċità pprovduta fit-tweġibiet għall-kwestjonarju, li turi tnaqqis żgħir fil-kapaċità tal-produzzjoni ([99]). Id-*data* tal-Kumitat tal-Azzar tal-OECD allinjat ukoll ma' din l-informazzjoni, u rrapportat li fil-perjodu 2018-2023 il-kapaċità fl-Unjoni kienet naqset b'5,2 miljun tunnellata ([100]). B'rabta ma' dan it-tip ta' aġġustament, f'April 2024, wieħed mill-akbar produtturi tal-Unjoni (thyssenkrupp) ħabbar tnaqqis sinifikanti li ġej fil-kapaċità ta' madwar 2,5 miljun tunnellata fl-akbar sit ta' produzzjoni tiegħu. Għalhekk, l-industrija tal-Unjoni għamlet sforzi kontinwi u sinifikanti biex taġġusta għall-kundizzjonijiet tas-suq ([101]).

([95]) Ara t-Taqsima 3.2. tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.

([96]) Ara OECD "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026", Tabella 1, p. 9.

([97]) Ara t-taqsima rilevanti dwar l-aġġustamenti fil-verżjonijiet miftuħa tat-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni, disponibbli fi TRON (https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI (aċċessibbli biss għall-partijiet interessati rreġistrati). F'xi każijiet, dettalji speċifiċi li jappartjenu għal xi aġġustamenti jista' jkun fihom informazzjoni kunfidenzjali tan-negozju u għalhekk mhumiex disponibbli fil-verżjoni miftuħa tat-tweġiba.

([98]) "thyssenkrupp Steel Executive Board reacts to challenging market conditions and presents initial conceptual outlines of a structural realignment" Sors: thyssenkrupp-steel.com (11 ta' April 2024) https://www.thyssenkrupp-steel.com/en/newsroom/press-releases/thyssenkrupp-steel-executive-board-reacts-to-challenging-market-conditions-and-presents-initial-conceptual-outlines-of-a-structural-realignment.html
"Vallourec is winding down pipe production in Germany" Sours: GMK (25 ta' Settembru 2023) https://gmk.center/en/news/vallourec-is-winding-down-pipe-production-in-germany/
"thyssenkrupp shuts down the Galmed steel plant in Spain" Sors: GMK (27 ta' Novembru 2023) https://gmk.center/en/news/thyssenkrupp-shuts-down-the-galmed-steel-plant-in-spain/#:~:text=German%20concern%20Thyssenkrupp%20has%20announced,rolled%20galvanized%20coils%20per%20year
"Outokumpu plans restructuring measures in Germany to strengthen competitiveness and market leadership in advanced materials" Sors: Otokumpu.com (is-7 ta' Novembru 2023) https://www.outokumpu.com/en/news/2023/outokumpu-plans-restructuring-measures-in-germany-to-strengthen-competitiveness-and-market-leadership-in-advanced-materials-3354404.

([99]) Ara t-Tabella 1 ta' dan ir-Regolament.

([100]) Ara l-OECD "Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2026", it-Tabella 1.

([101]) Xejra ta' tnaqqis fil-kapaċità kienet eċċezzjonali, meta mqabbla max-xejriet f'reġjuni ewlenin oħra tal-produzzjoni tal-azzar, li żiedu l-kapaċità b'mod konsistenti.

(90) Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni ddokumentaw ukoll varjetà ta' aġġustamenti oħra biex itejbu l-kompetittività, bħall-espansjoni tal-portafoll tal-prodotti, ħafna drabi bi prodotti ([102]) ta' valur miżjud ogħla u t-titjib tal-effiċjenza tal-proċess u l-modernizzazzjoni tal-impjanti ([103]). F'dan ir-rigward, l-isforzi tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni kienu kkonċentrati fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika ([104]), anke bil-ħsieb li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-emissjonijiet tal-UE.

(91) L-aġġustamenti mwettqa jkopru l-familji kollha talprodotti soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja.

(92) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-evidenza wriet li l-industrija tal-Unjoni kompliet taġġusta matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni.

3.4. **Interess tal-Unjoni**

(93) Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk jeżistux raġunijiet ekonomiċi konvinċenti li jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li tiġi estiża s-salvagwardja eżistenti.

(94) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tal-miżuri possibbli fuq il-produtturi, l-importaturi u l-utenti tal-Unjoni. Il-valutazzjoni tal-evidenza disponibbli hija strutturata kif ġej: i) is-sitwazzjoni ekonomika tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni u l-effett possibbli tal-eliminazzjoni tal-miżura; u ii) l-interess tal-utenti u tal-importaturi li jivvalutaw fost elementi oħra, l-evoluzzjoni tal-użu tat-TRQ taħt is-salvagwardja u d-disponibbiltà ġenerali tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni fid-dawl tal-prospetti tas-suq eżistenti.

([102]) "Liberty Galati invested $8.9 million in a new pipe coating line" Sors: GMK (11 ta' Mejju 2023) https://gmk.center/en/news/liberty-galati-invested-8-9-million-in-a-new-pipe-coating-line/
"ArcelorMittal plans to invest about $25 million in a galvanizing plant in Krakow" Sors: GMK (11 ta' April 2024). https://gmk.center/en/news/arcelormittal-plans-to-invest-about-25-million-in-a-galvanizing-plant-in-krakow/#:~:text=The%20funds%20will%20be%20used,its%20galvanizing%20plant%20in%20Krakow
"thyssenkrupp Steel puts together largest investment package in 20 years" Sors: thyssenkrupp.com https://www.thyssenkrupp-steel.com/en/company/strategy-20-30/investments/investments.html (aċċessat l-aħħar f'Mejju 2024)
Proġetti oħra ġew irrappurtati minn għadd kbir ta' rispondenti tal-kwestjonarji tal-UE.

([103]) "Expansion of large diameter line at Tenaris's mill in Italy lowers carbon emissions" *Sors*: Tenaris.com (12 ta' Frar 2021) https://www.tenaris.com/en/news/2021/expansion-of-large-diameter-line-in-italy-lowerms-carbon-emissions
"thyssenkrupp Steel is starting a new production modernization project in Duisburg" Sors: GMK (13 ta' Diċembru 2023) https://gmk.center/en/news/thyssenkrupp-steel-is-starting-a-new-production-modernization-project-in-duisburg/
Proġetti oħra ġew irrappurtati minn għadd kbir ta' rispondenti tal-kwestjonarji tal-UE.

([104]) "Belgium: Showcasing the full spectrum of our decarbonisation technologies" Sors: corporate.arcelormittal.com (aċċessat l-aħħar f'Mejju 2024) https://corporate.arcelormittal.com/climate-action/decarbonisation-investment-plans/belgium-showcasing-the-full-spectrum-of-our-decarbonisation-technologies
"Voestalpine produces worlds' first green wire rod a Donawitz plant" *Sors*: GMK (11 ta' April 2024) https://gmk.center/en/news/voestalpine-produces-worlds-first-green-wire-rod-at-donawitz-plant/
"ArcelorMittal plans major investments in German sites, to accelerate CO_2 emissions reduction strategy and leverage the hydrogen grid". *Sors*: corporate.arcelormittal.com (29 ta' Marzu 2021) https://corporate.arcelormittal.com/media/news-articles/arcelormittal-plans-major-investment-in-german-sites-to-accelerate-co2-emissions-reduction-strategy-and-leverage-the-hydrogen-grid
"Aperam launches its new sustainability brand for all its near-zero* footprint premium products, related services and solutions 'aperam infinite.TM" *Sors*: www.eqs-news.com (23 ta' Settembru 2023) https://www.eqs-news.com/news/corporate/aperam-launches-its-new-sustainability-brand-for-all-its-near-zero-footprint-premium-products-related-services-and-solutions-aperam-infinite-tm/1907309
"SALCOS milestone reached – Salzgitter AG awards contract for direct reduction plant" Sors: Salzgitter-ag.com (24 ta' Mejju 2023) https://www.salzgitter-ag.com/en/newsroom/press-releases/details/salcos-milestone-reached-salzgitter-ag-awards-contract-for-direct-reduction-plant-20791.html
"ArcelorMittal starts production of low carbon heavy steel plate in Spain" Sors: fastmarkets.com (20 ta' Lulju 2023) https://www.fastmarkets.com/insights/low-carbon-steel-production-arcelormittal-spain/

3.4.1. *L-interess tal-produtturi tal-Unjoni*

(95) Kif deskritt fl-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni, l-industrija tal-azzar tal-Unjoni għandha aktar minn 500 sit ta' produzzjoni li joperaw fi 23 Stat Membru tal-UE. L-industrija timpjega direttament aktar minn 300 000 persuna, u meta jiġu inklużi impjiegi indiretti u indotti f'setturi oħra, huwa stmat li tappoġġja 2,6 miljun impjieg fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, analiżi differenti mwettqa mis-servizzi tal-Kummissjoni wriet ir-rilevanza tal-industrija tal-azzar għall-ekonomija tal-Unjoni ([105]). L-investigazzjoni attwali kkonfermat li ma kien hemm l-ebda bidla sostanzjali f'dan ir-rigward.

(96) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li l-miżura għadha meħtieġa biex tipprevjeni dannu serju li x'aktarx iseħħ jekk is-salvagwardja tiskadi. Sitwazzjoni ta' dannu serju tipperikola serjament l-isforzi ta' aġġustament li qed isiru mill-industrija tal-Unjoni.

(97) Għalhekk, l-investigazzjoni kkonfermat li l-estensjoni tal-miżura tkun fl-interess tal-produtturi tal-Unjoni.

3.4.2. *L-interess tal-utenti u l-importaturi tal-Unjoni*

(98) L-investigazzjoni vvalutat ukoll l-impatt li estensjoni tal-miżura x'aktarx ikollha fuq l-utenti u l-importaturi tal-Unjoni.

(99) F'dan ir-rigward l-investigazzjoni kkonkludiet li l-konsum fl-Unjoni kien naqas drastikament, u f'konformità ma' dan l-iżvilupp tas-suq, kien hemm volumi kbar ta' TRQs b'mod konsistenti u dejjem aktar mhux użati minn trimestru għal trimestru. Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonfermat ukoll li kien hemm differenza kbira ħafna u li qed tiżdied bejn iż-żieda fil-volumi tat-TRQ, l-aktar minħabba ([106]) liberalizzazzjoni regolari mill-2019, meta mqabbla mal-evoluzzjoni tal-konsum ([107]). Il-prospetti tas-suq żvelaw ukoll li kien mistenni li jseħħ biss tkabbir moderat tal-konsum tal-Unjoni, u li fi kwalunkwe każ, tali tkabbir ikun ferm inqas mill-volumi tat-TRQs li baqgħu disponibbli, normalment minn oriġini multipli, fil-kategoriji ta' prodotti u l-familji ta' prodotti.

(100) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li anki jekk il-miżura tiġi estiża, f'termini ġenerali, l-utenti u l-importaturi tal-Unjoni jkomplu jkollhom il-possibbiltà li jakkwistaw azzar mingħajr dazju minn kategoriji ta' prodotti minn varjetà ta' oriġini. Barra minn hekk, l-investigazzjoni kkonfermat ukoll li l-produtturi tal-Unjoni kellhom lok biex iżidu l-użu tal-kapaċità tagħhom u b'hekk setgħu jfornu kwantitajiet addizzjonali lill-klijenti tal-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li estensjoni tal-miżura f'termini ġenerali ma twaqqafx lill-utenti u lill-importaturi tal-Unjoni milli jakkwistaw volumi suffiċjenti ta' azzar mingħajr dazju kemm minn sorsi li jimportaw kif ukoll minn produtturi tal-Unjoni.

([105]) Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-azzar kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa", COM(2013) 407 final, fejn il-Kummissjoni nnutat li "settur tal-azzar b'saħħtu u kompetittiv huwa importanti għall-bażi industrijali tal-Ewropa".
Ara wkoll id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif", SWD(2021) 353 final, 5.5.2021, li nnota li "l-industriji intensivi fl-enerġija huma indispensabbli għall-ekonomija tal-Ewropa u li setturi oħra jiddependu fuqhom" u li "s-settur tal-azzar u industriji oħra intensivi fl-enerġija għandhom rwol vitali fil-provvista ta' prodotti u servizzi lil firxa wiesgħa ta' ekosistemi industrijali tal-Ewropa". L-istess dokument innota li "bażi industrijali robusta hija essenzjali għat-tkabbir ekonomiku tal-Ewropa, il-preservazzjoni tal-impjiegi sostenibbli u l-kompetittività tagħna fis-swieq globali, u li settur tal-azzar b'saħħtu jifforma l-bażi ta' ħafna ktajjen tal-valur industrijali".

([106]) Il-Kummissjoni żiedet il-volumi tat-TRQs b'5 % mal-impożizzjoni ta' miżura definittiva fi Frar 2019. Tali żieda ma kinitx dovuta għal-liberalizzazzjoni.

([107]) Ara t-Taqsima 7.5 ta' dan ir-Regolament.

(101) Barra minn hekk, bħall-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni ([108]), il-Kummissjoni kkontroverifikat l-impatt potenzjali li l-miżura ([109]) ta' salvagwardja seta' kellha fuq il-livell tal-prezzijiet tal-azzar fis-suq tal-Unjoni, billi qabblet ix-xejriet fl-Unjoni ma' dawk fi swieq tal-azzar ewlenin oħra madwar id-dinja ([110]). L-analiżi wriet li l-evoluzzjoni tal-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni kienet qed issegwi l-istess xejra jew xejra simili ħafna għal dik ta' swieq oħra, u b'hekk indikat li l-miżura ta' salvagwardja ma kinitx qed toħloq anomalija f'termini ta' xejriet tal-prezzijiet fl-Unjoni.

(102) Għalhekk, abbażi ta' dawn is-sejbiet, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sottomissjonijiet li saru mill-utenti u l-importaturi tal-Unjoni ma wrewx li l-estensjoni tmur kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni.

3.5. **Konklużjoni dwar l-estensjoni**

(103) Il-Kummissjoni stabbiliet li huma ssodisfati r-rekwiżiti legali tan-neċessità u tal-aġġustament meħtieġa biex tiġi estiża miżura ta' salvagwardja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet li l-miżura ma tmurx kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni.

(104) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li huwa xieraq li l-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tiġi estiża lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2024.

4. **KUMMENTI MILL-PARTIJIET INTERESSATI DWAR L-ESTENSJONI**

(105) Il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 65 sottomissjoni ta' osservazzjonijiet u konfutazzjonijiet minn partijiet interessati, inklużi produtturi tal-azzar tal-Unjoni, utenti u importaturi tal-azzar tal-Unjoni, kif ukoll assoċjazzjonijiet rispettivi tagħhom, produtturi esportaturi u gvernijiet ta' pajjiżi terzi. F'din it-taqsima, il-Kummissjoni se tindirizza l-affermazzjonijiet magħmula minn dawn il-partijiet interessati dwar l-estensjoni. Għall-finijiet tal-ekonomija amministrattiva, il-Kummissjoni ġabret id-dikjarazzjonijiet skont in-natura u l-kontenut. Fejn xieraq, il-Kummissjoni rreferiet għas-sejbiet f'dan ir-Regolament (Taqsimiet 3 u 4) li diġà indirizzaw fid-dettall il-biċċa l-kbira tal-affermazzjonijiet magħmula mill-partijiet interessati. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ebda wieħed mill-argumenti mqajma ma seta' jbiddel il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar l-adegwatezza li tiġi estiża l-miżura ta' salvagwardja tal-azzar.

4.1. **Is-sejbiet tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO fit-tilwima DS595 jirrikjedu li l-Kummissjoni ttemm il-miżura**

(106) Xi partijiet interessati rreferew għar-Rapport tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("DSB", Dispute Settlement Body) tad-29 ta' April 2022 fit-tilwima *DS595 Unjoni Ewropea - Miżuri ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar*, fejn sostnew li l-Kummissjoni kellha awtomatikament ittemm il-miżura peress li kienet inkonsistenti ma' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ ("GATT", General Agreement on Trade and Tariffs).

(107) F'dan ir-rigward, kif sar f'rieżamijiet preċedenti fejn saret din l-affermazzjoni, il-Kummissjoni tirreferi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/104 tat-13 ta' Jannar 2023 ([111]) li permezz tiegħu implimentat id-deċiżjoni tad-DSB, u b'hekk ġabet il-miżura ta' salvagwardja tal-azzar f'konformità mar-regoli tad-WTO fil-ftit aspetti fejn il-Bord kien identifika inkonsistenzi.

([108]) Ara t-Taqsima 5.2.2. tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.

([109]) Il-miżura ta' salvagwardja tal-Unjoni tieħu l-forma ta' TRQ u għalhekk volumi sinifikanti huma permessi mingħajr dazju.

([110]) Ara, bħala referenza, S&P Global Commodity Insights, valutazzjonijiet tal-prezz tas-suq ta' Platts (disponibbli b'abbonament). Is-swieq ivvalutati jinkludu l-Unjoni, l-Istati Uniti tal-Amerka, iċ-Ċina, it-Turkija, il-Messiku u l-Indja u l-prodotti vvalutati huma prodotti ċatti illaminati bis-sħana, galvanizzati f'banju sħun, rebar u vireg tal-wajer.

([111]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/104 tat-12 ta' Jannar 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar wara li ġie adottat rapport mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; ĠU L 12, 13.1.2023, p. 7.

(108) Għalhekk, l-affermazzjonijiet relatati ma' dik it-tilwima mhumiex rilevanti fil-kuntest tar-rieżami li għaddej bħalissa peress li kienu diġà indirizzati permezz ta' att legali separat. Fi kwalunkwe każ, u kif jirriżulta mil-loġika tar-Regolament (UE) 2023/104, il-Kummissjoni ma qablitx mal-affermazzjonijiet li l-konklużjonijiet tal-Bord f'dik it-tilwima kienu jobbligawha ttemm il-miżura.

(109) Parti minnhom allegat li, skont ir-regoli tad-WTO, il-membri tad-WTO kellhom l-opportunità li jestendu l-miżuri ta' salvagwardja darba. Dan għaliex it-test rilevanti (l-Artikolu 7.3) fil-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jirreferi għall-kelma "estensjoni" fis-singular. Madankollu, sa issa ma hemm l-ebda interpretazzjoni sostantiva mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB), madankollu, il-kelma "estensjoni" fl-Artikolu 7.3 hija preċeduta mill-kelma "kwalunkwe", li tista' tissuġġerixxi li aktar minn estensjoni waħda hija possibbli. Barra minn hekk, l-Artikolu 19(3) tar-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardji juża t-terminu "estensjonijiet" fil-plural.

4.2. Riskju mnaqqas ta' devjazzjoni tal-kummerċ minħabba bidliet fil-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti

(110) Xi partijiet interessati argumentaw li, minħabba xi bidliet fil-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti, ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ allegatament kien jitnaqqas sal-punt li l-miżura ta' salvagwardja ma tibqax meħtieġa għal dawn ir-raġunijiet.

(111) Din hija affermazzjoni rikorrenti magħmula mill-partijiet interessati wkoll f'rieżamijiet preċedenti. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat din il-kwistjoni f'okkażjonijiet differenti fil-passat, inkluż ir-rieżami ta' Ġunju 2023 ([112]). Fil-każijiet kollha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-bidliet fil-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ma biddlux il-valutazzjoni fir-rigward tar-riskju tad-devjazzjoni tal-kummerċ fis-suq tal-Unjoni li tirriżulta mill-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti ([113]).

(112) Fil-kuntest tar-rieżami attwali, il-bidliet fil-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti msemmija mill-partijiet interessati seħħew qabel Ġunju 2023 u għalhekk kienu diġà parti mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'dik l-investigazzjoni. Għalhekk, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza addizzjonali lill-Kummissjoni li twassalha biex titbiegħed mill-valutazzjoni tagħha fl-2023.

(113) Barra minn hekk, kif spjegat fit-Taqsima 3.2.2.(e) l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni ssuġġeriet li mhux biss il-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti x'aktarx li tibqa' fis-seħħ, iżda li l-Istati Uniti tal-Amerka u pajjiżi terzi oħra kienu qed iżidu l-għadd ta' azzjonijiet kummerċjali kontra importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Għalhekk, jiżdied ir-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ minn tali miżuri, inkluża l-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti.

4.3. Is-suq tal-Unjoni huwa protett biżżejjed minn strumenti oħra għad-difiża tal-kummerċ

(114) Xi partijiet sostnew li l-industrija tal-azzar tal-Unjoni diġà hija protetta biżżejjed permezz ta' bosta miżuri anti-dumping u kumpensatorji għal firxa wiesgħa ta' prodotti. F'dan ir-rigward, l-effett kumulattiv tal-istrumenti differenti għad-difiża tal-kummerċ joħloq sitwazzjoni ta' protezzjoni żejda għall-industrija tal-Unjoni.

(115) Il-Kummissjoni tinnota li kull wieħed mill-istrumenti differenti għad-difiża tal-kummerċ jaqdi skop differenti. Is-salvagwardja hija miżura *erga omnes* li tittratta ż-żidiet fl-importazzjoni li jirriżultaw minn żviluppi mhux previsti li jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu serju u l-miżuri anti-dumping u kumpensatorji huma orjentati biex jipproteġu industrija domestika minn prattiki kummerċjali inġusti (dumping jew sussidjar dannuż). Meta l-kundizzjonijiet legali li jikkorrispondu għall-impożizzjoni (jew l-estensjoni) tal-istrumenti differenti jiġu ssodisfati, l-UE jew kwalunkwe membru ieħor tad-WTO jkun intitolat li juża strumenti differenti simultanjament.

([112]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1301 tas-26 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

([113]) Ara, pereżempju, it-Taqsima 3.5 tat-Tielet Regolament dwar ir-Rieżami.

(116) Fl-UE, kif imfakkar f'investigazzjonijiet preċedenti ([114]), l-istrument ta' salvagwardja huwa kompatibbli mal-applikazzjoni ta' Strumenti oħra għad-Difiża tal-Kummerċ mingħajr ma jipproduċi protezzjoni eċċessiva peress li l-qafas legali tal-UE ([115]) jipprevedi mekkaniżmu biex jiġi evitat rimedju doppju fuq l-istess prodott. Dan il-mekkaniżmu jiżgura li meta l-importazzjonijiet taħt is-salvagwardja jaqbżu l-volum ta' TRQ mingħajr dazju, il-25 % ma jiġix akkumulat mad-dazju anti-dumping u/jew kumpensatorju applikabbli biex ma jwassalx għal effett fuq il-kummerċ akbar milli jkun mixtieq. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali tal-UE kkonfermat il-legalità tal-prattika tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward fi sfida li tikkonċerna l-miżura ta' salvagwardja tal-azzar ([116]). Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq.

4.4. **Il-volumi tal-importazzjoni naqsu u l-użu baxx tat-TRQ juri pressjoni baxxa fuq l-importazzjoni**

(117) Xi partijiet interessati argumentaw li hemm inqas pressjoni fuq l-importazzjoni minħabba tnaqqis fid-domanda u użu baxx tat-TRQ.

(118) Madankollu, minkejja tnaqqis fil-livell tal-użu tat-TRQ f'sitwazzjoni ta' konsum aktar baxx (–14 % fil-perjodu 2021–2023) u importazzjonijiet aktar baxxi (–17 % fl-istess perjodu), id-*data* turi li l-pressjoni tal-importazzjoni f'termini tas-sehem mis-suq mill-importazzjonijiet għadha għolja. Anke filwaqt li naqas ftit fl-2023, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kompla jkun qrib il-livelli rekord, b'sehem ta' 21,5 %. Dan il-livell huwa ogħla b'mod sinifikanti mis-sehem medju mis-suq qabel l-adozzjoni ta' miżuri definittivi ta' salvagwardja fil-bidu tal-2019 (16,4 %).

(119) Barra minn hekk, kif spjegat fit-Taqsima 3.2.2.(a) il-volumi medji kkombinati ta' TRQs eżawriti kienu jirrappreżentaw 32 % (kważi żewġ miljun tunnellata kull trimestru) tal-volum medju totali ta' importazzjonijiet fis-sena ta' salvagwardja li għaddejja. F'termini ta' oriġini, il-pressjoni kontinwa fuq l-importazzjoni minn ċerti oriġini f'xi kategoriji ta' prodotti ([117]) minkejja d-disponibbiltà ġenerali tal-volumi tat-TRQs, ikkontribwiet għaż-żieda ġenerali fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni f'kuntest ta' tnaqqis fid-domanda.

(120) Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li l-użu aktar baxx tat-TRQs mhux neċessarjament jimplika tnaqqis fil-pressjoni tal-importazzjoni li jista' jiġġustifika t-terminazzjoni tal-miżura sat-30 ta' Ġunju 2024.

4.5. **L-eżawriment rapidu ta' xi TRQs jindika li ma hemmx biżżejjed azzar għall-importazzjonijiet**

(121) Xi partijiet interessati (prinċipalment esportaturi u utenti) sostnew li xi TRQs huma eżawriti malajr jew b'mod konsistenti u li għalhekk il-volumi tal-kwoti mingħajr dazju huma insuffiċjenti. Dan allegatament joħloq nuqqas ta' provvista.

(122) Il-Kummissjoni vvalutat din l-affermazzjoni f'investigazzjonijiet preċedenti u tikkonferma wkoll għar-rieżami attwali li l-eżawriment rapidu ta' xi TRQs ma jistax iwassal għall-konklużjoni li l-miżura ta' salvagwardja toħloq nuqqas ta' azzar għall-utenti b'mod ġenerali. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nnotat li l-affermazzjonijiet minn xi partijiet interessati rreferew għall-eżawriment ta' xi TRQs speċifiċi f'iżolament, mingħajr ma rreferew għad-disponibbiltà ġenerali tal-azzar barra minn oriġini speċifika li setgħet eżawriet it-TRQ tagħha speċifika għall-pajjiż malajr. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat li, filwaqt li xi oriġini speċifiċi ġew eżawriti f'mument partikolari f'ċerti kategoriji ta' prodotti, f'termini ġenerali l-aċċess għal oriġini oħra baqa' fil-biċċa l-kbira disponibbli għal dawk il-kategoriji ta' prodotti (ara t-Taqsima 3.2.2. b).

([114]) Ara t-Taqsima 7.10 tar-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni u t-Taqsima 4.1.8 tar-Regolament dwar ir-Rieżami tal-2023.

([115]) Ir-Regolament (UE) 2015/477 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar il-miżuri li l-Unjoni tista' tieħu relattivament għall-effett ikkombinat ta' miżuri kontra d-dumping jew kontra s-sussidji ma' miżuri ta' salvagwardja; ĠU L 83, 27.3.2015, p. 11.

([116]) Ara l-Kawża T-790-19 Novolipetsk Steel PAO vs Il-Kummissjoni

([117]) Xi whud minn dawn il-kategoriji ta' prodotti fejn xi TRQs kienu qed jiġu eżawriti huma partikolarment rilevanti f'termini ta' volumi (kemm ġenerali kif ukoll relattivi għall-familja ta' prodotti tagħhom). Dawn jinkludu l-kategorija tal-prodott 1 (ċatt laminat bis-sħana) li jammonta għal 31 % tal-importazzjonijiet fl-2023, 4A u 4B (folji miksija bil-metall) li jammontaw għal 8 % u 7 % tal-importazzjonijiet fl-2023, 16 (vireg tal-wajer) li jammontaw għal 8 % tal-importazzjonijiet fl-2023. Dawn il-kategoriji huma fl-ewwel 6 tal-kategoriji skont il-volum tal-importazzjoni.

(123) Barra minn hekk, l-evidenza minn partijiet differenti ma kinitx konklużiva fir-rigward tal-affermazzjoni li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tforni. Għall-kuntrarju, ir-rati baxxi ta' utilizzazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' prodotti jissuġġerixxu li l-akkwist mill-industrija tal-Unjoni huwa possibbiltà reali.

(124) Għalhekk, il-Kummissjoni rrifjutat din l-affermazzjoni.

4.6. **Il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(125) Xi partijiet interessati sostnew li ma hemm l-ebda evidenza li l-industrija tal-Unjoni tinsab fi stat vulnerabbli u oħrajn qajmu tħassib li l-fatturi ta' dannu identifikati mhumiex attribwibbli għal żieda fl-importazzjonijiet (jew żieda potenzjali fl-importazzjonijiet), iżda pjuttost għal kundizzjonijiet globali. B'mod partikolari, fatturi oħra li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huma allegatament iż-żieda fil-kostijiet tal-enerġija u ż-żieda fil-kostijiet tat-trasport. Fl-aħħar nett, partijiet oħra semmew li d-dannu ma ġiex ivverifikat fil-kategoriji kollha tal-prodotti.

(126) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li r-rekwiżiti biex tiġi estiża miżura ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardji, jiġifieri l-ħtieġa li jiġi evitat jew irrimedjat dannu serju u li l-industrija domestika qed taġġusta, ma jirrikjedux li sseħħ żieda fl-importazzjonijiet matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Il-Kummissjoni stabbiliet li hemm probabbiltà li, jekk tiskadi s-salvagwardja, l-importazzjonijiet jiżdiedu u dan jirriżulta f'dannu serju għall-industrija tal-Unjoni.

(127) Fir-rigward tal-allegata neċessità li jintwera dannu fil-kategoriji kollha tal-prodotti, il-Kummissjoni tfakkar li l-ambitu tal-prodott jinkludi l-kategoriji kollha tal-prodotti bħala prodott wieħed, u għalhekk il-valutazzjoni tad-dannu ssir fuq il-prodott kopert mill-investigazzjoni kollu kemm hu u mhux għal kull kategorija ta' prodotti. Fejn xieraq, il-Kummissjoni wriet li analiżi għal kull familja ta' prodotti ma tbiddilx il-konklużjonijiet milħuqa fil-livell tal-prodott kollu kemm hu.

(128) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq.

4.7. **Is-salvagwardja kkawżat żieda fil-prezzijiet u tnaqqis fil-kompetittività tal-industriji downstream**

(129) Xi utenti sostnew li l-miżura ta' salvagwardja kkawżat żieda fil-prezzijiet, li qed tnaqqas il-kompetittività tal-industriji li jużaw l-azzar downstream. L-utenti sostnew ukoll li l-importazzjonijiet ta' prodotti lesti u nofshom lesti żdiedu peress li kisbu kompetittività meta mqabbla mal-istess prodotti, prodotti minn dawn l-utenti fl-UE, minħabba żieda fil-kostijiet tal-input ikkawżata mis-salvagwardja.

(130) Il-Kummissjoni ma rċevietx evidenza li tappoġġja l-affermazzjonijiet tal-prezzijiet jew tal-kompetittività. Madankollu, skont l-informazzjoni dwar il-prezzijiet ivvalutata mill-Kummissjoni (ara t-Taqsima 3.4.2 dwar l-interess tal-Unjoni), il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni segwew l-istess xejra jew xejra simili ħafna għal dik ta' swieq oħra, u b'ħekk indikat li l-miżura ta' salvagwardja ma kinitx qed toħloq anomalija f'termini ta' xejriet tal-prezzijiet fl-Unjoni.

(131) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq.

4.8. **L-industrija tal-Unjoni ma hijiex qed taġġusta**

(132) Għadd ta' partijiet ikkontestaw l-isforzi ta' aġġustament li saru mill-industrija tal-Unjoni mill-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja. Abbażi ta' dan, huma qiesu li l-miżura ta' salvagwardja ma setgħetx tiġi estiża peress li wieħed mir-rekwiżiti legali għall-estensjoni ma ġiex issodisfat. Il-partijiet sostnew li l-aġġustamenti kienu qed jiffukaw prinċipalment fuq id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-azzar tal-UE u wkoll li dawn il-pjanijiet kienu għadhom ma ġewx implimentati.

(133) Il-produtturi tal-Unjoni ppreżentaw lill-Kummissjoni għadd ta' eżempji ta' aġġustamenti li ġew deċiżi reċentement u li bħalissa jinsabu f'fażijiet differenti ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li, minbarra l-eżempji pprovduti mill-industrija tal-Unjoni, kien hemm numru kbir ta' azzjonijiet meħuda minn produtturi tal-Unjoni ta' kull daqs biex itejbu l-kompetittività, anki jekk il-kundizzjonijiet tas-suq kienu ta' sfida. Xi wħud minn dawn l-eżempji jissememw fit-Taqsima 3.3 ta' dan ir-Regolament.

(134) Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjonijiet ta' hawn fuq.

(135) Diversi partijiet interessati argumentaw li l-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' aġġustament tal-industrija tal-Unjoni kienu kkawżati mill-obbligi ambjentali imposti mil-leġiżlazzjoni u l-politiki tal-UE u għalhekk, ma setgħux jitqiesu bħala aġġustamenti biex tittejjeb il-kompetittività kontra l-importazzjonijiet.

(136) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet li l-azzjonijiet ta' aġġustament meħuda minn kumpaniji fi kwalunkwe kuntest normalment jirrispondu għal raġunijiet differenti u fl-istess ħin qed jaqdu għanijiet multipli. Ħafna drabi, aġġustament biex tittejjeb il-prestazzjoni ambjentali ta' ċerta installazzjoni jġib miegħu titjib fl-effiċjenza enerġetika jew firxa ġdida ta' prodotti ekoloġiċi tkopri wkoll id-domanda dejjem tikber. Fi kwalunkwe każ, l-aġġustamenti kollha vvalutati mill-Kummissjoni, orjentati lejn il-modernizzazzjoni tal-impjanti, l-effiċjenza tal-proċess jew l-għeluq ta' faċilitajiet mhux utilizzati biżżejjed, iwasslu għal titjib fil-kompetittività li f'suq bħas-suq tal-Unjoni jfisser li wieħed ikun ippreparat aħjar biex jiffaċċja l-kompetizzjoni fl-importazzjoni.

5. TUL TAL-ESTENSJONI

(137) Il-Kummissjoni sabet li s-salvagwardja tal-azzar tal-Unjoni għadha meħtieġa biex tipprevjeni dannu serju u li hemm evidenza li l-industrija tal-Unjoni qed tkompli timplimenta miżuri biex taġġusta għal sitwazzjoni tas-suq ikkaratterizzata minn pressjoni ogħla fuq l-importazzjoni. Madankollu, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament dwar is-Salvagwardji Bażiċi, li jittrasponi l-Artikolu 7.2 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji, it-tul ta' żmien ta' miżura ta' salvagwardja "irid ikun limitat għal perjodu ta' żmien meħtieġ sabiex jipprevjeni jew jirrimedja dannu serju u sabiex jiffaċilita l-aġġustament min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni".

(138) It-tul ta' żmien massimu ta' miżura ta' salvagwardja huwa ta' 8 snin, ħlief għall-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw. Dan ifisser li l-Unjoni tista' testendi biss il-miżura ta' salvagwardja eżistenti sat-30 ta' Ġunju 2026 bħala massimu.

(139) F'din l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet li l-estensjoni tal-miżura hija meħtieġa. Xi wħud mill-elementi li mmotivaw l-impożizzjoni ta' miżuri fl-2019 għadhom preżenti, jiġifieri livell għoli ta' kapaċità żejda tal-azzar, l-għadd kbir ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ applikati minn pajjiżi oħra u r-riskju ta' devjazzjoni tal-kummerċ mill-miżura tat-Taqsima 232 tal-Istati Uniti kif ukoll minn miżuri oħra meħuda minn pajjiżi terzi mill-2019.

(140) Barra minn hekk, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni bħalissa hija fraġli filwaqt li qed tkompli taġġusta fost pressjoni għolja u dejjem tikber tal-importazzjoni mill-pajjiżi esportaturi. L-informazzjoni analizzata ma wriet l-ebda sinjal li xi wieħed mill-elementi ewlenin li jiġġustifikaw l-estensjoni tal-miżura se jisparixxi jew jitjieb sostanzjalment fil-futur qrib.

(141) Barra minn hekk, l-aħħar prospetti tas-suq dwar il-konsum dinji tal-azzar jipprevedu biss irkupru modest ta' +1,7 % fl-2024 (bilkemm jirkupra ċ-ċifri tal-2022) u ta' +1,2 % fl-2025 (li jirriżulta f'livelli ta' konsum li jibqgħu taħt il-volumi tal-2021).

(142) F'dan l-isfond, biex jiġi żgurat li l-miżura tipprovdi xibka ta' sikurezza effettiva u sinifikanti għall-produtturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li l-miżura tiġi estiża għal sentejn addizzjonali sat-30 ta' Ġunju 2026. Il-miżura tiskadi awtomatikament fi tmiem il-perjodu ta' tmien snin.

6. **INKLUŻJONI TAL-MOZAMBIQUE FIL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-MIŻURA**

(143) Skont il-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn l-UE u l-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika, l-UE impenjat ruħha li teskludi l-importazzjonijiet mill-pajjiżi tal-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika ("SADC", Southern African Development Community) mill-applikazzjoni ta' salvagwardji multilaterali għal perjodu ta' 5 snin. Bħala tali, meta skadiet dik l-iskadenza, l-UE inkludiet importazzjonijiet mill-Afrika t'Isfel u l-biċċa l-kbira tal-membri tal-SADC fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja tal-azzar ([118]). Fil-każ tal-Mozambique, din l-eżenzjoni skadiet fi stadju aktar tard.

(144) B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li l-Mozambique jiddaħħal fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja mill-1 ta' Lulju 2024 biex jikkonforma mal-obbligu tan-Nazzjon l-Aktar Iffavorit ("MFN", Most Favoured Nation) skont ir-regoli tad-WTO.

(145) Minħabba l-esklużjoni, id-*data* tal-importazzjoni tal-Mozambique ma ntużatx fis-sejbiet oriġinali magħmula mill-Kummissjoni fir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva dwar evidenza dwar l-eżistenza ta' żieda fl-importazzjonijiet ([119]). Dan kien riżultat tal-applikazzjoni tal-prinċipju tal-paralleliżmu, ([120]) fejn l-awtorità investigattiva ma tistax tikkunsidra fl-analiżi tagħha dawk l-oriġini eskluži mill-applikazzjoni tal-miżura.

(146) Peress li l-importazzjonijiet mill-Mozambique mhux se jibqgħu eskluži mill-miżura, il-Kummissjoni jeħtiġilha tivvaluta mill-ġdid is-sejbiet oriġinali li wasslu għall-applikazzjoni ta' miżuri definittivi, billi tinkorpora d-*data* dwar l-importazzjonijiet mill-Mozambique diġà disponibbli fiż-żmien tal-investigazzjoni oriġinali.

(147) Fir-rigward tal-valutazzjoni taż-żieda fl-importazzjonijiet, it-tabella ta' hawn taħt turi l-importazzjonijiet totali fl-UE koperti mis-salvagwardja tal-azzar fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni fir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva (2013-2017), inklużi l-importazzjonijiet mill-Mozambique:

Tabella 14

Volum tal-importazzjoni (wara l-inklużjoni tal-Mozambique) u s-sehem mis-suq

	2013	2014	2015	2016	2017	MRP
Importazzjonijiet (tunnellati)	18 453 646	22 011 946	26 692 843	29 283 252	30 271 064	31 476 287
Importazzjonijiet mill-Mozambique (tunnellati)	25	0	0	0	492	0
	0,00014 %	0,00000 %	0,00000 %	0,00000 %	0,00163 %	0,00000 %
indiċi 2013=100	100	119	145	159	164	171
Sehem mis-suq	12,78 %	14,48 %	16,97 %	17,97 %	18,19 %	18,88 %

Sors: Tweġibiet għall-kwestjonarju tal-Eurostat u tal-Industrija tal-Unjoni tal-2018.

([118]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/664 tal-21 ta' April 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

([119]) Ara l-premessi (27) sa (47) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159.

([120]) Ir-Rapport tal-Korp tal-Appell, *L-Arġentina – Miżuri ta' Salvagwardja fuq l-Importazzjonijiet ta' Xedd is-Saqajn* (WT/DS121/AB/R), 14 ta' Diċembru 1999, para. 113.

(148) L-importazzjonijiet żdiedu f'termini assoluti b'71 % matul il-perjodu oriġinali ta' analiżi, kif ukoll is-sehem mis-suq tal-importazzjoni (minn 12,78 % fl-2013 għal 18,19 % fl-2017).

Fid-dawl taċ-ċifri aġġornati, il-Kummissjoni kkonfermat li l-valutazzjoni oriġinali dwar iż-żieda fl-importazzjonijiet tibqa' l-istess. Barra minn hekk, minħabba l-ammont insinifikanti ta' importazzjonijiet mill-Mozambique lejn l-Unjoni fir-rigward tal-importazzjonijiet totali, il-Kummissjoni qieset li s-sejbiet oriġinali dwar it-theddida ta' dannu serju, il-kawżalità, l-interess tal-Unjoni u l-iżviluppi mhux previsti għadhom jipprevalu. Il-lista aġġornata tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw inklużi jew esklużi mill-miżura li fiha l-Mozambique hija parti mir-rieżami attwali (Anness III.2).

(149) Abbażi tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, it-TRQs il-ġodda applikabbli mill-1 ta' Lulju 2024 (Anness IV) se jinkludu importazzjonijiet mill-Mozambique.

7. VALUTAZZJONI TAL-FUNZJONAMENT TAL-MIŻURA

(150) Ladarba l-Kummissjoni kkonkludiet li l-estensjoni tal-miżura kienet xierqa u li l-importazzjonijiet tal-Mozambique jenħtieġ li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura, il-Kummissjoni eżaminat jekk ikunux meħtieġa aġġustamenti tekniċi għall-funzjonament tal-miżura. Wara analiżi dettaljata tas-sottomissjonijiet kollha li rċeviet, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin. Dawn il-konklużjonijiet huma organizzati fit-taqsimiet li ġejjin, skont l-istruttura fin-Notifika ta' Bidu.

7.1. Allokazzjoni u ġestjoni tal-kwoti tariffarji

(151) F'din it-taqsima, il-Kummissjoni analizzat l-evoluzzjoni u x-xejriet tal-użu tal-kwoti tariffarji u l-kummenti li għamlu l-partijiet f'dak ir-rigward. Abbażi ta' dan, iddeterminat jekk xi aġġustament li jirriżulta minn ċirkostanzi mibdula kienx iġġustifikat fl-interess tal-Unjoni.

Kummenti tal-partijiet interessati

(152) Xi partijiet (l-industrija tal-Unjoni) talbu li jeliminaw ir-riport trimestrali tal-kwoti mhux użati għat-trimestru ta' wara (mill-inqas għall-aħħar trimestru) jew alternattivament, li jillimitaw it-trasferiment għal massimu ta' 4 % tat-TRQs mhux użati fuq bażi trimestrali, filwaqt li oħrajn (ċerti pajjiżi esportaturi u utenti) talbu li l-kwoti speċifiċi għall-pajjiż ("CSQ") mhux użati jiġu ttrasferiti għall-kwota residwa tat-trimestru ta' wara.

(153) Barra minn hekk, ċerti pajjiżi esportaturi u utenti talbu li titneħħa s-sistema ta' CSQ għal ċerti kategoriji (jew saħansitra għall-kategoriji kollha) u jkollhom il-kwoti amministrati globalment f'kull trimestru biex jimmassimizzaw l-użu tal-kwoti. Oħrajn talbu li xi wħud mit-TRQs li bħalissa qed jiġu amministrati globalment jiġu amministrati b'CSQ u TRQs residwi.

(154) Il-Kummissjoni rċeviet ukoll talbiet biex jiġu kkalkulati mill-ġdid il-kwoti kollha, ibbażati fuq perjodu ta' referenza ġdid sabiex taqbad bidla reċenti fil-flussi tal-kummerċ u talbiet biex jiżdied il-livell tal-kwoti. Xi partijiet interessati talbu wkoll li jiġu eliminati l-kwoti għal ċerti pajjiżi u li dawn l-ammonti jerġgħu jitqassmu fost oriġini oħra.

(155) L-industrija tal-Unjoni talbet li jitneħħa l-qsim *pro-rata* tal-volumi tad-dazju barra mill-kwota ta' 25 % fil-jum tal-eżawriment ta' TRQ partikolari, fost id-dikjarazzjonijiet kollha aċċettati f'dak il-jum.

Valutazzjoni

(156) Bħala osservazzjoni preliminari, il-Kummissjoni nnotat li ħafna mil-affermazzjonijiet ta' hawn fuq kienu kontradittorji ma' xulxin. B'mod partikolari, il-Kummissjoni ma identifikatx affermazzjoni sostanzjata koerenti u mifruxa li tiġġustifika l-valutazzjoni mill-ġdid tal-istruttura ewlenija eżistenti tal-amministrazzjoni tat-TRQs, b'mod partikolari fir-rigward tal-perjodu ta' żmien użat għall-kalkolu tal-volumi tat-TRQs u l-kombinazzjoni ta' CSQ u TRQs residwi fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji tal-prodotti.

(157) Il-miżura ta' salvagwardja ilha fis-seħħ għal madwar 6 snin. L-istruttura tat-TRQs uriet li hija effettiva u konsistenti matul is-snin. Fejn ġustifikat, il-Kummissjoni għamlet l-aġġustamenti meħtieġa għall-ġestjoni tal-kwoti sabiex iżżomm il-kwoti effettivi u aġġornati mal-iżviluppi tas-suq. Madankollu, hemm elementi bażiċi tal-istruttura tat-TRQ li huma ċentrali u jipprovdu prevedibbiltà u koerenza għall-miżura u li, għalhekk, il-Kummissjoni ma tara l-ebda raġuni biex temendaha.

(158) F'dan ir-rigward, kif ġie spjegat f'rieżamijiet preċedenti tal-miżura, it-TRQs, kemm jekk speċifiċi għall-pajjiż kif ukoll jekk residwi, ġew allokati abbażi tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni fil-perjodu ta' referenza tal-investigazzjoni oriġinali ([121]). Dan il-perjodu ta' referenza ma jistax jinbidel, kif issuġġerit minn għadd ta' partijiet, peress li l-kalkolu mill-ġdid tat-TRQs kollha abbażi ta' flussi aktar reċenti li huma koperti mill-miżura jmur kontra l-objettiv li jiġu rrispettati l-flussi kummerċjali tradizzjonali li kienu jeżistu qabel ma ġiet introdotta l-miżura.

(159) Is-sistema ta' amministrazzjoni trimestrali tat-TRQs uriet li hija effettiva biex iġġib l-istabbiltà fis-suq tal-Unjoni, filwaqt li tevita żidiet ġenerali f'daqqa fl-importazzjonijiet li jiddestabilizzaw is-suq u tiżgura fluss ordnat u prevedibbli tal-importazzjonijiet matul is-sena. Din is-sistema tippermetti wkoll li l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u oriġini jkunu permessi mingħajr ebda dazju addizzjonali, u fejn xieraq, tat il-possibbiltà għal ċerti oriġini li jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom mingħajr dazju lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom ([122]).

(160) Is-sistema attwali ta' amministrazzjoni tat-TRQ hija mfassla biex toħloq bilanċ fost interessi opposti. L-ewwel nett, hija taħdem għall-benefiċċju tal-industrija tal-Unjoni minħabba li tevita fluss kbir ta' importazzjonijiet f'perjodu qasir bl-effetti negattivi li jirriżultaw fis-suq. It-tieni, hija ta' benefiċċju wkoll għal ċerti pajjiżi terzi u ċerti utenti tal-Unjoni, li kieku jkunu prekluży bla bżonn mis-suq minn fornituri akbar oħra u ma jkunux jistgħu jfornu lill-utenti tal-Unjoni, li min-naħa tagħhom ma jitħallewx jixtru l-materjal li jeħtieġu minn dawn l-oriġini speċifiċi. Fl-aħħar nett, hija tippermetti pajjiżi esportaturi akbar jaqbżu l-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' prodotti billi jaċċessaw il-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu meta l-fornituri eżistenti ma setgħux jużaw b'mod sħiħ il-kwoti.

(161) L-implimentazzjoni ta' xi wħud mill-bidliet mitluba mill-partijiet interessati tfixkel bil-kbir il-bilanċ tal-interessi fost il-partijiet interessati u għalhekk tmur kontra l-interess ġenerali tal-Unjoni u l-funzjonament effettiv tal-miżura. Dan jinkludi t-talba tal-industrija tal-Unjoni dwar il-qsim *pro-rata* tad-dazju fil-jum tal-eżawriment tal-kwota. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 51.4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 li jiddefinixxu l-bażi *pro-rata* huma applikabbli u ma jipprevedu l-ebda flessibbiltà.

(162) Barra minn hekk, fis-sottomissjonijiet tagħhom, il-partijiet ma pprovdewx evidenza dwar kif is-sistema attwali tat-TRQ ma tkunx xierqa u kif l-aġġustamenti differenti li pproponew ikunu fl-interess ġenerali tal-Unjoni (u mhux biss fl-interess individwali tagħhom) u kompatibbli mal-loġika u l-funzjonament xieraq tal-miżura.

(163) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qieset li ż-żamma tas-sistema attwali ta' amministrazzjoni tal-kwoti (amministrazzjoni trimestrali u taħlita ta' kwota speċifika għall-pajjiż u residwa ħlief għal ftit eċċezzjonijiet ġustifikati fl-interess tal-Unjoni), kif ukoll iż-żamma tat-trasferiment ta' kwoti mhux użati u l-aċċess għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru tas-sena ta' salvagwardja (ir-Raba' Trimestru) għadhom xieraq, u dan huwa ġust fil-konfront tal-partijiet interessati kollha.

([121]) Ara l-premessa (33) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27: "Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-perjodu referenzjarju użat biex jiġu kkalkulati l-kwoti tariffarji jikkostitwixxi wieħed mill-pilastri fit-tfassil tal-miżuri stabbiliti *ab initio* mir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rieżami ma jkoprix il-modifika sostanzjali tal-istruttura bażika tal-miżuri".

([122]) Ara pereżempju l-possibbiltà ta' aċċess għat-TRQ residwa fl-aħħar trimestru ta' sena ta' salvagwardja (April-Ġunju).

(164) Madnakollu, filwaqt li s-sistema attwali tal-amministrazzjoni tat-TRQ hija xierqa, il-Kummissjoni madankollu qieset li teħtieġ xi aġġustamenti tekniċi biex tadatta għall-iżviluppi reċenti tas-suq, bħal bidliet fil-flussi kummerċjali, u biex ittejjeb l-effettività tagħha. Dawn il-bidliet se jiġu spjegati aktar 'l isfel u se jiġu vvalutati flimkien ma' xi affermazzjonijiet li saru taħt it-Taqsima 7.2 "Esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali" u t-Taqsima 7.6 "Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi".

7.2. **Esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali**

(165) Minħabba s-sistema ta' trasferiment ta' kwoti mhux użati minn trimestru għal trimestru f'sena ta' salvagwardja ([123]), l-aħħar trimestru tas-sena ta' salvagwardja (April-Ġunju) normalment ikun it-trimestru fejn il-volumi mhux użati huma l-ogħla. Sabiex jiġi massimizzat l-użu tal-kwoti fi tmiem is-sena ta' salvagwardja, il-Kummissjoni introduċiet fir-Regolament dwar Salvagwardja Definittiva mekkaniżmu li bih esportaturi akbar li jkunu eżawrew is-CSQ tagħhom setgħu jaċċessaw ukoll il-volumi tal-kwoti residwi fl-aħħar trimestru.

(166) Skont l-ewwel rieżami tal-funzjonament fl-2019, il-Kummissjoni osservat li din is-sistema tista' tirriżulta f'esklużjoni bla bżonn ta' fornituri iżgħar fil-kwoti residwi. Din ix-xejra kibret għal aktar kategoriji wara l-2019. Għalhekk, fir-rieżami tal-funzjonament tal-2020, il-Kummissjoni fasslet sistema li biha l-aċċess tal-pajjiżi CSQ għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' sena ta' salvagwardja jkun ibbażat fuq l-użu attwali tal-kwota residwa fit-trimestri preċedenti minn dawk il-pajjiżi soġġetti għat-TRQ residwa. Dan l-aġġustament fittex li jipproteġi l-flussi fl-aħħar trimestru ta' fornituri iżgħar li huma l-benefiċjarji naturali tal-kwoti residwi ([124]).

(167) Sabiex jiġi minimizzat l-ispostament ta' oriġini tradizzjonali fil-kwoti residwi, filwaqt li tkompli tippermetti aċċess addizzjonali f'dawk il-kategoriji fejn huwa meħtieġ li jiġi żgurat l-użu massimu tal-kwota, il-Kummissjoni ħolqot sistema li biha kull kategorija ta' prodott tkun taqa' taħt wieħed minn dawn it-tliet gruppi differenti li ġejjin, li jikkorrispondu għal tliet xenarji ta' aċċess differenti. Din is-sistema tissodisfa wieħed mill-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-miżura ta' salvagwardja, jiġifieri, li tiżgura li l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini jiġu ppreservati.

(168) It-tliet reġimi attwalment fis-seħħ huma dawn li ġejjin:

— L-ebda aċċess – fejn il-fornituri eżistenti taħt il-kwoti residwi setgħu jeżawrixxu l-kwoti residwi waħedhom, u kienu ġew identifikati effetti ta' esklużjoni fl-aħħar trimestru;

— Aċċess limitat – fejn il-fornituri eżistenti setgħu jużaw biss parti mill-kwota residwa disponibbli għalihom, u kienu meħtieġa oriġini addizzjonali, f'ammonti limitati, biex jeżawrixxu l-kwoti;

— L-ebda limitazzjoni – fejn il-kwoti residwi ma ntużawx ħafna u ma ġie identifikat l-ebda effett ta' esklużjoni.

Kummenti tal-partijiet interessati

(169) Ma kien hemm l-ebda affermazzjoni dwar is-sistema attwali li tippermetti aċċess għall-pajjiżi CSQ għall-kwota residwa tal-aħħar trimestru ta' sena ta' salvagwardja.

(170) Skont din it-Taqsima, l-industrija tal-Unjoni talbet lill-Kummissjoni tinvestiga r-riskji ta' esklużjoni fil-kategoriji kollha ta' prodotti bħala riżultat taż-żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' pajjiżi esportaturi ġodda. Din it-talba hija ttrattata separatament fit-Taqsima 7.3.

([123]) Is-sena ta' salvagwardja tal-UE tibda fl-1 ta' Lulju ta' sena partikolari u tispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

([124]) Ara t-Taqsima 3.2.3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

Valutazzjoni

(171) F'termini ġenerali, il-Kummissjoni qieset li s-sistema attwali wriet li hija adattata għall-iskop tagħha. Tiżgura li l-utenti tal-Unjoni jimmassimizzaw il-possibbiltajiet tagħhom li jużaw il-kwota residwa, kif ukoll li l-flussi kummerċjali tradizzjonali fi ħdan il-kwota residwa f'termini ta' oriġini jiġu rrispettati (li huwa ugwalment fl-interess tal-utenti). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma rċevietx sottomissjonijiet li jindikaw xi problema partikolari fil-funzjonament ta' din il-karatteristika tal-miżura.

(172) Madankollu, il-Kummissjoni vvalutat jekk, abbażi tad-*data* l-aktar reċenti disponibbli, kienx hemm esklużjoni fil-kwota residwa fl-aħħar trimestru. Din il-valutazzjoni saret abbażi tad-*data* dwar l-importazzjonijiet u tal-użu tal-kwota għal kull oriġini u kategorija mill-1 ta' April 2023 sal-31 ta' Marzu 2024.

(173) Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-sistema attwali jenħtieġ li tibqa' fis-seħħ. Madankollu, il-Kummissjoni qieset li din tista' tiġi ssimplifikata b'mod li jiżgura l-prevedibbiltà għall-operaturi tas-suq u jipprevjeni wkoll kwalunkwe esklużjoni potenzjali fil-futur. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-funzjonament tal-miżura jenħtieġ li jiġi modulat billi jiġu permessi żewġ reġimi, minflok it-tlieta attwali. L-ewwel reġim, "l-ebda aċċess" ikun japplika għal dawk il-kategoriji fejn l-użu medju tar-residwu f'kategorija partikolari kien għoli ħafna. It-tieni reġim, "aċċess", ikun japplika għall-kategoriji l-oħra u jippermetti aċċess għar-residwu fl-aħħar trimestru għall-volumi li ma ntużawx bħala medja mill-pajjiżi esportaturi stabbiliti taħt it-TRQ residwa. Fi ftit kategoriji għadu japplika reġim speċjali.

Aġġustament

(174) Abbażi ta' dan, ir-reġimi ta' aċċess għal kull kategorija ta' prodott ġew adattati kif ġej (għal volumi speċifiċi ara l-Anness I (IV.3) għal dan ir-Regolament):

— L-ebda aċċess: 3B, 14, 16, 20, 26

— Aċċess: 2, 3A, 4A, 5, 6, 9, 10, 12, 13, 15, 18, 19, 21, 22, 24, 25B, 27, 28

(175) Il-kategoriji li għalihom din is-sistema ma tapplikax (f'konformità mal-prinċipji applikati fir-rieżami tal-funzjonament preċedenti) huma dawn li ġejjin:

— Reġim speċjali: 1 u 4B.

Ir-reġim attwali li jagħti aċċess għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru lill-pajjiżi tas-CSQ b'limitu massimu ta' 30 % għal kull pajjiż esportatur għadu xieraq sabiex tiġi żgurata varjetà suffiċjenti ta' sorsi ta' provvista filwaqt li jiġu evitati effetti ta' esklużjoni permezz ta' importazzjonijiet addizzjonali eċċessivi lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali.

— Amministrazzjoni globali: 7, 8, 17, 25A.

Il-possibbiltà ta' aċċess għall-aħħar trimestru mhijiex applikabbli, peress li ma hemm l-ebda pajjiż li jesporta taħt kwota speċifika għall-pajjiż.

(176) B'mod ġenerali, b'din il-karatteristika, il-miżura tkompli tippermetti aċċess għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru fil-maġġoranza l-kbira tal-kategoriji tal-prodotti. Fl-istess ħin, is-sistema tiżgura li l-volumi addizzjonali li xi pajjiżi jistgħu jesportaw taħt din is-sistema ma jeskludux bla bżonn il-pajjiżi mingħajr CSQ. Minn issa 'l quddiem, il-pajjiżi fejn fil-prinċipju ma hemm l-ebda riskju ta' esklużjoni, se jkunu wkoll protetti kontra bidla potenzjali f'daqqa fil-futur fil-flussi tal-kummerċ f'konformità mal-użu medju fit-TRQ residwa fis-sena ta' salvagwardja attwali. Din is-sistema tiżgura aċċess wiesa' tal-volumi disponibbli għall-utenti filwaqt li tippreserva l-effettività tal-miżura sa fejn huma kkonċernati l-produtturi tal-Unjoni. Għalhekk, is-sistema attwali hija l-aktar adattata fl-interess ġenerali tal-Unjoni.

7.3. **Aġġustamenti biex tittejjeb l-effettività tal-miżura f'ċerti TRQs residwi**

Kummenti minn partijiet interessati

(177) Il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li jiġu vvalutati b'mod konġunt ċerti affermazzjonijiet magħmula taħt it-Taqsima 7.1 (Allokazzjoni u ġestjoni tal-Kwoti Tariffarji), it-Taqsima 7.2 (Esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali) hawn fuq u t-Taqsima 7.6 (Bidliet oħra ta' ċirkostanzi). Dan għaliex il-kawża sottostanti li timmotiva dawn l-affermazzjonijiet tidher li hija l-istess.

(178) Essenzjalment, l-affermazzjonijiet kienu jikkonċernaw bidla fix-xejra fil-flussi tal-kummerċ fi ftit kategoriji ta' prodotti, fejn esportaturi li ma esportawx kwantitajiet sinifikanti fil-perjodu ta' referenza (2015-2017) u għalhekk ma ġewx allokati kwoti speċifiċi għall-pajjiż, kienu qed jidħlu fis-suq tal-Unjoni permezz ta' xi kwoti residwi f'volumi sinifikanti.

(179) Il-partijiet sostnew li din il-bidla fix-xejra fil-flussi tal-kummerċ tista' titqies bħala bidla fiċ-ċirkostanzi ta' natura dejjiema peress li dawn l-esportaturi l-ġodda kienu wettqu żidiet sinifikanti fil-kapaċitajiet ta' produzzjoni f'dawn l-aħħar snin. Dawn il-flussi allegatament kienu qed jeskludu oriġini oħra fil-kwoti residwi u l-partijiet interessati ssuġġerew modifiki fl-amministrazzjoni tat-TRQs. Dawn il-bidliet issuġġeriti kienu jinkludu l-ħolqien ta' CSQs biex jiġu protetti ċerti flussi fi kwoti residwi, il-ħolqien ta' reġimi ġodda biex jiġi evitat il-konsum ta' TRQs minn ċerti oriġini fit-trimestri kollha, it-trasferiment ta' ammonti mhux użati lejn kwoti residwi fit-trimestru li jmiss, il-qsim ta' kategoriji jew l-istabbiliment ta' limitu massimu fil-kwoti residwi.

Valutazzjoni

(180) Il-Kummissjoni analizzat il-flussi ta' importazzjoni fil-kwoti residwi f'numru ta' kategoriji li għalihom il-partijiet interessati kienu għamlu affermazzjonijiet.

(181) L-analiżi kkonfermat li l-iżviluppi reċenti tas-suq irriżultaw fi tnaqqis sinifikanti tal-esportazzjonijiet tal-forniturі tradizzjonali lejn l-Unjoni taħt il-kwoti residwi f'xi kategoriji filwaqt li l-esportazzjonijiet minn pajjiżi ġodda ta' oriġini żdiedu taħt l-istess kwoti residwi. Din il-bidla fil-flussi tal-kummerċ kienet qed toħloq sensiela ta' effetti negattivi għall-funzjonament tal-miżura f'xi kategoriji, kif se jiġi spjegat hawn taħt.

(182) Il-Kummissjoni sabet li l-affermazzjonijiet kienu fondati għal żewġ kategoriji ta' prodotti. B'riżultat ta' dan, kien meħtieġ aġġustament għall-funzjonament tal-miżura biex tiġi żgurata l-effettività tagħha u l-preservazzjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali fl-interess tal-Unjoni.

(a) Kategorija tal-prodott 1 – Folji u strixxi mhux illigati u oħrajn illigati illaminati bis-sħana

(183) Il-kategorija tal-prodott 1 (Prodotti ċatti illaminati bis-sħana ("HRF", hot-rolled flat products)) hija, f'termini ġenerali, kategorija ta' prodott importanti ħafna taħt il-miżura ta' salvagwardja għal diversi raġunijiet. B'mod konsistenti tirrappreżenta, bil-bosta, l-akbar sehem ta' importazzjonijiet (8,5 miljun tunnellata fl-2023) li jammonta għal 31 % tal-importazzjonijiet totali taħt il-miżura fl-2023. Tirrappreżenta wkoll 34 % tal-produzzjoni totali tal-industrija tal-Unjoni u madwar 25 % tal-bejgħ domestiku tagħha f'termini ta' volum. Din il-kategorija għandha ħafna użi, u hija meqjusa bħala tip ta' komodità, u għalhekk hija partikolarment sensittiva għall-bidliet fil-prezzijiet. L-HRF jista' jintuża bħala prodott finali fil-kostruzzjoni jew fil-karozzi fost l-oħrajn, iżda jintuża wkoll bħala input għall-produzzjoni ta' aktar prodotti downstream, notevolment il-kategorija tal-prodott 2 (illaminati ċatti fil-kiesaħ), li mbagħad jistgħu jiġu pproċessati aktar fi, pereżempju, kategorija 4 (folji miksija metallaċi) li min-naħa tagħhom jistgħu jiġu pproċessati fil-kategorija 5 (azzar miksi b'materjal organiku). L-HRF jintuża wkoll bħala input għall-produzzjoni ta' xi tubi. Għalhekk, minħabba l-piż tiegħu fuq il-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott ikkonċernat u l-interrelazzjoni tiegħu ma' bosta kategoriji ta' prodotti oħra, l-iżviluppi f'din il-kategorija huma partikolarment rilevanti għall-effettività tal-miżura ta' salvagwardja.

(184) Għalhekk, minħabba l-importanza partikolari tiegħu, it-TRQ ġestita b'mod effettiv għal din il-kategorija żżid iċ-ċansijiet ta' miżura effettiva b'mod ġenerali. B'riżultat ta' dan, għaddiet minn skrutinju speċjali u l-funzjonament tagħha ġie rivedut diversi drabi f'rieżamijiet preċedenti biex tadatta l-amministrazzjoni tagħha għall-kundizzjonijiet tas-suq prevalenti.


(185) Barra minn hekk, il-kwota residwa ta' din il-kategorija hija l-akbar TRQ individwali taħt il-miżura b'madwar miljun tunnellata inizjalment disponibbli kull trimestru.

(186) Fir-rigward tas-sitwazzjoni attwali, minn Ottubru 2023 (tliet trimestri konsekuttivi ([125])), it-TRQ residwa ġiet eżawrita b'mod konsistenti fl-ewwel jum tat-trimestru.

(187) Dan ħoloq żbilanċ fis-suq matul il-bqija ta' dawk it-trimestri billi għamel disponibbli ammonti kbar ħafna immedjatament, u b'hekk iġġenera pressjoni sostanzjali fuq l-importazzjoni.

(188) Il-pressjoni fuq l-importazzjoni kienet partikolarment akuta f'din il-kategorija ta' prodotti hekk kif l-importazzjonijiet komplew jiżdiedu minkejja tnaqqis sostanzjali ġenerali fil-konsum tal-azzar fl-Unjoni. Fil-fatt, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet f'din il-kategorija ta' prodotti laħaq it-30 % fl-2023, sostanzjalment ogħla mill-medja għall-prodott ikkonċernat kollu kemm hu.

(189) Il-fenomenu tal-eżawriment bikri kien ikkawżat, notevolment, mill-penetrazzjoni qawwija ħafna tal-Vjetnam u l-Eġittu, li bdew jesportaw il-kategorija tal-prodott 1 lejn l-Unjoni biss fit-tieni nofs tal-2022, u sal-aħħar tal-2023 ammontaw għal aktar minn 45 % tal- importazzjonijiet taħt din it-TRQ. B'riżultat ta' dan, f'xi whud minn dawn it-trimestri, pajjiżi esportaturi iżgħar iżda storikament preżenti f'din il-kategorija bħall-Iżvizzera ġew eskluż.



Sors: Bażi tad-*data* tat-TRQ tad-DĠ TAXUD, * Sal-5.4.2024 https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp.

(190) Sabiex tinkiseb aktar stabbiltà fis-suq f'din il-kategorija ta' prodotti importanti u għalhekk jiġi żgurat li l-effettività tal-miżura ma tiġix imminata mill-iżviluppi tas-suq, il-Kummissjoni ddeterminat li aġġustament kien xieraq.

Aġġustament

(191) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li l-impożizzjoni ta' limitazzjoni għall-volum massimu li pajjiż wieħed jista' jesporta taħt it-TRQ residwa fuq bażi trimestrali kienet l-aktar soluzzjoni xierqa.

([125]) Ott-Diċ 2023, Jan-Mar 2024, Apr-Ġun 2024.

(192) Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-pajjiżi esportaturi affettwati u l-utenti tal-Unjoni tagħhom, il-Kummissjoni qieset li limitu massimu ta' 15 % għal kull pajjiż individwali fuq il-volum tat-TRQ inizjalment disponibbli f'kull trimestru huwa xieraq ([126]).

(193) Dan il-livell ta' limitu massimu jiżgura, minn naħa waħda, li l-penetrazzjoni tal-importazzjoni fl-ewwel jum tat-trimestru tkun limitata f'volumi taħt it-TRQ residwa, u b'hekk titnaqqas il-pressjoni fuq l-importazzjoni fis-suq. Min-naħa l-oħra, dan se jippermetti lill-pajjiżi esportaturi l-aktar affettwati biex xorta waħda jesportaw il-volumi rilevanti, 'il fuq mill-flussi kummerċjali storiċi tagħhom qabel is-salvagwardja u b'mod ġenerali, 'il fuq ukoll mill-volumi esportati fl-ewwel snin taħt il-miżura ta' salvagwardja. Barra minn hekk, tipproteġi l-interessi ta' dawk l-utenti tal-Unjoni u l-pajjiżi esportaturi li kienu konsistentement imwarrba.

(194) Il-Kummissjoni qieset li dan l-aġġustament ma joħloq l-ebda riskju għad-disponibbiltà tal-kategorija tal-prodott 1 fis-suq tal-Unjoni għal għadd ta' raġunijiet. L-ewwel nett, hemm CSQs sostanzjali mhux użati minn fornituri kbar oħra u hemm fornituri oħra li jistgħu jżidu sa ċertu punt il-preżenza tagħhom taħt it-TRQ residwa. It-tieni nett, l-industrija tal-Unjoni għandha kapaċità disponibbli biex iżżid il-produzzjoni domestika tagħha, kif muri fit-Tabella 5. Dan jikkontribwixxi biex iġib l-użu tal-kapaċità tiegħu għal livelli aktar b'saħħithom, li mbagħad jgħin lill-industrija tal-Unjoni ttejjeb il-prestazzjoni ekonomika ġenerali tagħha. Fl-aħħar nett, minħabba l-previżjonijiet tas-suq imbassra, jidher improbabbli ħafna li l-volumi kkombinati ta' CSQs mhux użati flimkien mal-kapaċità disponibbli tal-produtturi tal-Unjoni ma jkunux biżżejjed biex jissodisfaw id-domanda fil-futur.

(195) Għal dawn ir-raġunijiet il-Kummissjoni qieset li l-aġġustament huwa fl-interess ġenerali tal-Unjoni peress li jtejjeb il-funzjonament tal-miżura, iżid l-effettività tagħha, filwaqt li jevita l-esklużjoni bla bżonn u jiżgura diversità suffiċjenti tal-provvista għall-utenti tal-Unjoni.

(b) Kategorija tal-prodott 16 – Vireg tal-wajer illigati u oħrajn illigati


(196) Minbarra l-kategorija tal-prodott 1, il-Kummissjoni sabet ukoll li bidla fix-xejra tal-importazzjonijiet kienet qed tfixkel il-bilanċ tal-oriġini fit-TRQ residwa tal-kategorija tal-prodott 16 u b'hekk tħalli impatt negattiv fuq il-funzjonament tal-miżura. F'din il-kategorija, it-TRQ residwa bdiet timtela fl-ewwel jiem tat-trimestru fi tnejn mill-aħħar tliet trimestri vvalutati ([127]).

(197) Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni wriet li, b'mod ġenerali, sat-trimestru ta' Lulju-Settembru 2023 kien hemm diversità ta' pajjiżi esportaturi li kienu regolarment jeżawrixxu t-TRQ residwa. Is-sehem tal-importazzjoni għal kull pajjiż varja skont it-trimestru. L-Alġerija kienet qed tuża medja ([128]) ta' 39 % tal-volum residwu totali tat-TRQ, il-Bożnija-Ħerzegovina madwar 23 %, il-Korea 9 % u l-Ġappun 7 %. Bosta pajjiżi oħra kienu qed jużaw bħala medja l-20 % li kien fadal.

(198) Fit-tfassil tal-miżura ta' salvagwardja definittiva, u fir-rieżamijiet ta' funzjonament differenti, il-Kummissjoni fittxet li tippreserva l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u oriġini. L-għan tal-preservazzjoni tal-volumi tradizzjonali ntlaħaq bil-kalkolu tat-TRQs ibbażati fuq il-flussi tal-kummerċ preċedenti, filwaqt li l-għan tal-preservazzjoni tal-oriġini tradizzjonali ntlaħaq billi jiġu stabbiliti CSQs.

(199) Madankollu, pajjiżi fornituri tradizzjonali iżgħar li ma kkwalifikawx għal CSQ f'kategorija ta' prodott partikolari kienu potenzjalment esposti għal bidliet f'daqqa u f'daqqa fil-flussi tal-kummerċ fi ħdan it-TRQs residwi rispettivi tagħhom. Din kienet preċiżament is-sitwazzjoni li jiffaċċjaw ċerti pajjiżi esportaturi fil-kategorija tal-prodott 16 u li żammithom milli jkomplu jesportaw volumi sinifikanti għad-detriment tagħhom u tal-utenti tagħhom tal-Unjoni.

([126]) Il-volum tat-TRQ disponibbli inizjalment jista' jinstab fl-Anness I (IV.1) ta' dan ir-Regolament.
([127]) Jibda mit-trimestru Ottubru-Diċembru 2023.
([128]) Perjodu Jannar 2021 sa Ġunju 2023.



Sors: Bażi tad-data tat-TRQ tad-DĠ TAXUD, * Sal-5.4.2024 https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_consultation.jsp.

(200) Mit-trimestru Lulju-Settembru 2023 il-kompożizzjoni tal-oriġini nbidlet f'daqqa fi ħdan it-TRQ residwa f'din il-kategorija ta' prodotti, bil-Malażja u l-Eġittu f'daqqa waħda jesportaw ammonti kbar ħafna. L-użu medju kkombinat tagħhom ta' din it-TRQ qabel dak it-trimestru kien ta' 0 %. Madankollu, fl-aħħar tliet trimestri li għalihom kienet disponibbli *data* sħiħa, is-sehem medju kkombinat tagħhom tal-importazzjonijiet laħaq sa 76 %. Dan irriżulta fi tnaqqis massiv tal-importazzjonijiet mingħajr dazju mill-pajjiżi esportaturi l-oħra kollha li qabel kellhom preżenza stabbli fis-suq tal-Unjoni. Fil-fatt, xi whud minnhom prattikament waqfu jesportaw taħt din it-TRQ. Notevolment is-sehem tal-użu tat-TRQ tal-Bożnija-Ħerzegovina naqas għal 2 %, tal-Korea għal 4 %, tal-Ġappun għal 1 % u ta' oħrajn għal 1 %.

(201) Għalhekk, din il-penetrazzjoni aggressiva fis-suq tal-Unjoni mill-Malażja u l-Eġittu b'mod ċar eskludiet oriġini oħra li esportaw regolarment taħt din it-TRQ billi naqqset sostanzjalment il-preżenza tagħhom (l-Alġerija) jew kważi eliminatha kompletament (eż. il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Ġappun, il-Korea) għad-detriment tagħhom u tal-utenti tal-Unjoni tagħhom.

Aġġustament

(202) Abbażi tas-sejbiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li limitazzjoni tal-volum massimu ta' importazzjonijiet bla dazju għal kull pajjiż ta' oriġini u għal kull trimestru kienet l-aktar azzjoni xierqa biex terġa' tiġi stabbilita distribuzzjoni aktar bilanċjata tal-oriġini f'din it-TRQ residwa, u għalhekk, jiżguraw funzjonament aħjar tal-miżura. Il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li tistabbilixxi din il-limitazzjoni għal 15 % għal kull pajjiż individwali tat-TRQ inizjalment disponibbli fil-bidu ta' kull trimestru.

(203) B'dan l-aġġustament, il-Kummissjoni tfittex li tipprevjeni effetti ta' esklużjoni bla bżonn fuq oriġini tradizzjonali iżgħar ta' forniment, u għalhekk, tiżgura d-disponibbiltà għall-utenti tal-Unjoni ta' volumi minn dawn l-oriġini. Min-naħa l-oħra, il-limitu ta' 15 % jibqa' jippermetti lill-pajjiżi li jesportaw l-aktar affettwati li jkomplu jesportaw ammonti rilevanti mingħajr dazju sostanzjalment ogħla mil-livelli storiċi tagħhom, li f'xi każijiet kienu ineżistenti. Barra minn hekk, tippermetti lill-utenti tal-Unjoni diversità suffiċjenti ta' oriġini. Fl-aħħar nett, meta wieħed iqis il-prestazzjoni konsistenti fil-passat ta' pajjiżi oħra taħt it-TRQ residwa, il-Kummissjoni tqis li huwa raġonevoli li wieħed jassumi li t-TRQ residwa f'din il-kategorija se tkompli tintuża bis-sħiħ.

(204) Il-Kummissjoni tqis li dan l-aġġustament huwa fl-interess tal-Unjoni peress li jiġġustifika li varjetà ta' sorsi ta' provvista tkun disponibbli għall-utenti tal-Unjoni u fl-istess ħin, jipprevjeni flussi ta' tfixkil, favur l-istabbiltà tas-suq.

7.4. Aġġornament tal-lista tal-Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura abbażi tal-livell l-aktar reċenti tal-importazzjonijiet tagħhom

(205) Skont il-punt 2.C tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li se tirrieżamina jekk l-importazzjonijiet minn Membru tad-WTO li qed jiżviluppa qabżux il-limitu ta' 3 % fil-perjodu rilevanti (jiġifieri, is-sena 2023) u, jekk meħtieġ, taġġorna l-lista tal-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw li għandhom jiġu inklużi fi, jew eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura.

Kummenti tal-partijiet interessati

(206) Diversi partijiet talbu aġġornament tal-lista tal-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura bl-użu tad-*data* tal-importazzjoni l-aktar reċenti. L-industrija tal-Unjoni, barra minn hekk, talbet l-esklużjoni tal-volumi tal-importazzjoni mill-Ukrajna mid-*data* użata għall-kalkolu li jiddetermina liema Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw huma eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura.

Valutazzjoni

(207) Skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar Salvagwardja Bażika, ma għandhiex tiġi applikata miżura ta' salvagwardja kontra prodott li joriġina minn Pajjiż Membru tad-WTO li qed jiżviluppa, sakemm is-sehem tiegħu ta' importazzjonijiet jibqa' taħt it-3 % tal- importazzjonijiet totali f'kategorija ta' prodott partikolari. Jekk is-sehem tal-importazzjonijiet tal-Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw kollha taħt il-limitu ta' 3 % jammonta għal aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali f'kategorija partikolari, il-miżura ta' salvagwardja tapplika għall-pajjiżi membri tad-WHO li qed jiżviluppaw kollha. Il-Kummissjoni rrevediet u aġġornat il-lista tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq bażi regolari.

(208) L-aħħar aġġornament tal-lista sar f'Ġunju 2023, fil-kuntest tal-investigazzjoni ta' rieżami biex tiġi vvalutata terminazzjoni bikrija possibbli tal-miżura ta' salvagwardja ([129]). Bħall-investigazzjonijiet ta' rieżami preċedenti, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw suġġetti għal u eskluży mill-miżura abbażi ta' kalkolu tas-sehem tagħhom tal-importazzjonijiet bl-użu tad-*data* tal-importazzjoni kkonsolidata disponibbli l-aktar reċentement, jiġifieri l-istatistika tal-importazzjoni tas-sena 2023 ([130]). L-ebda bidla fil-metodoloġija segwita fir-rieżamijiet preċedenti ma kienet meqjusa xierqa.

Aġġustament

(209) Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament li huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 2024 huma dawn li ġejjin (tabella aġġornata fl-Anness II (III.2) għal dan ir-Regolament):

— Il-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw huma inklużi fil-kategoriji 5 u 24 minħabba li s-somma tal-ishma kollha tal-importazzjoni fl-2023 li kienu taħt it-3 % hija ogħla minn 9 %;

— l-Albanija hija inkluża fil-kategorija 28;

— il-Brażil huwa eskluż fil-kategoriji 1 u 2;

— iċ-Ċina hija inkluża fil-kategoriji 4B, 13, 17 u eskluża fil-kategoriji 2, 3A, 7 u 15;

— l-Indja hija inkluża fil-kategoriji 25A, 27 u eskluża fil-kategoriji 16 u 17;

— l-Indoneżja hija eskluża fil-kategorija 9;

— il-Każakistan huwa eskluż fil-kategorija 19;

— il-Malażja hija eskluża fil-kategorija 9;

— il-Maċedonja ta' Fuq hija eskluża fil-kategorija 26;

— l-Oman huwa eskluż fil-kategorija 13;

([129]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1301 tas-26 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

([130]) Sors: Eurostat.

— l-Afrika t'Isfel hija eskluża fil-kategorija 4A;

— it-Tuneżija hija inkluża fil-kategorija 4A;

— it-Turkija hija inkluża fil-kategorija 7;

— L-Emirati Għarab Magħquda huma inklużi fil-kategorija 25A;

— Il-Vjetnam huwa inkluż fil-kategorija 2 u eskluż fil-kategorija 26.

7.5. **Livell ta' Liberalizzazzjoni**

(210) Skont ir-regoli tad-WTO ([131]) u tal-UE ([132]), Membru tad-WTO li japplika miżura ta' salvagwardja għandu jilliberalizzaha progressivament wara sena ta' impożizzjoni f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni. L-għan tal-liberalizzazzjoni huwa li progressivament tippermetti aktar kompetizzjoni ta' importazzjoni fis-suq filwaqt li l-industrija domestika qed taġġusta għal livell akbar ta' importazzjonijiet.

(211) Il-liġi tad-WTO ma tistabbilixxi l-ebda rekwiżit partikolari dwar il-forma jew ir-ritmu konkret tal-liberalizzazzjoni, għajr li tali liberalizzazzjoni jenħtieġ li sseħħ progressivament f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni.

(212) Il-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tal-UE ġiet liberalizzata kull sena mill-2019 u l-adegwatezza tar-rata ta' liberalizzazzjoni ġiet ivvalutata u modifikata f'diversi okkażjonijiet ([133]). Ir-rata ta' liberalizzazzjoni annwali kurrenti, minn Lulju 2022, hija ta' 4 %.

(213) Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-investigazzjoni l-Kummissjoni impenjat ruħha li tivvaluta jekk il-livell attwali ta' liberalizzazzjoni baqax xieraq jew jekk għandux jiġi rivedut.

Kummenti tal-partijiet interessati

(214) Xi partijiet interessati (b'mod partikolari produtturi esportaturi u utenti tal-Unjoni) talbu li l-Kummissjoni żżid il-livell ta' liberalizzazzjoni lil hinn minn 4 %. Xi produtturi esportaturi argumentaw li l-pożizzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienet robusta u allegaw li d-devjazzjoni tal-kummerċ ma kinitx saret jew li r-riskju tagħha naqas. L-industrija tal-Unjoni talbet tnaqqis fil-pass tal-liberalizzazzjoni abbażi ta' evidenza ta' tnaqqis fil-livelli ta' konsum u prospetti għax-xhur li ġejjin. Fuq dik il-bażi, l-industrija tal-Unjoni argumentat li ma jkun hemm l-ebda riskju ta' nuqqas fis-suq tal-Unjoni.

Valutazzjoni

(215) Sabiex tiddetermina l-adegwatezza tal-livell attwali ta' liberalizzazzjoni, il-Kummissjoni wettqet kemm analiżi li tħares lura kif ukoll analiżi li tħares 'il quddiem.

(216) Rigward il-valutazzjoni tagħha li tħares lura, id-*data* turi li r-rata ta' liberalizzazzjoni qabżet l-evoluzzjoni tal-konsum. Filwaqt li t-TRQs żdiedu bi kważi 25 % (inkluża ż-żieda ta' 5 % applikabbli minn Frar 2019), il-konsum naqas bi -17 % matul l-istess perjodu. Dawn ix-xejriet opposti għalhekk wessgħu b'mod sinifikanti d-distakk bejn il-livell tat-TRQs u d-domanda tas-suq.

(217) Fir-rigward tal-valutazzjoni li tħares 'il quddiem, kif spjegat fit-Taqsima 3.2.2.(h) hawn fuq, is-suq tal-azzar wera sinjali ċari ta' deċelerazzjoni. Il-konsum tal-azzar fid-dinja ra tnaqqis ta '– 1,1 % ([134]) fl-2023 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Fl-Unjoni, il-konsum niżel b'rata ferm aktar qawwija, -6 % ([135]). L-aħħar prospetti tas-suq dwar il-konsum dinji tal-azzar jipprevedu biss irkupru modest ta' +1,7 % fl-2024 (bilkemm jirkupra ċ-ċifri tal-2022) u ta' +1,2 % 2025 (li jirriżulta f'livelli ta' konsum li jibqgħu taħt il-volumi tal-2021). Kif muri fit-Taqsima 3.2.2.(h) il-prospetti għas-suq tal-Unjoni huma mistennija li jsegwu xejra simili.

([131]) L-Artikolu 7.4 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.
([132]) L-Artikolu 19(4) tar-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardji.
([133]) Il-livell ta' liberalizzazzjoni tnaqqas mill-5 % mħabbar għal 3 % fl-Ewwel Rieżami tal-Funzjonament ta' Settembru 2019, u żdied minn 3 % għal 4 % bħala riżultat tat-Tielet Rieżami tal-Funzjonament f'Ġunju 2022.
([134]) Assoċjazzjoni Dinjija tal-Azzar – Prospettiva ta' Medda Qasira (SRO) April 2024.
([135]) Ara t-Taqsima 3.2.1. rigward l-evoluzzjoni tal-konsum fis-suq tal-Unjoni.

(218) Filwaqt li l-livelli tal-użu tat-TRQ varjaw minn pajjiż għal pajjiż u minn kategorija għal kategorija, kien hemm volumi sostanzjali mhux użati fi tmiem kull sena ta' salvagwardja, u dan kompla jkun il-każ fis-sitt sena ta' salvagwardja li għaddejja ([136]).

(219) Fid-dawl tax-xejriet negattivi reċenti u l-prospetti dwar il-konsum tal-azzar fid-dinja u s-suq tal-azzar tal-Unjoni u l-fatt li t-TRQs kienu disponibbli b'mod wiesa' fil-kategoriji tal-prodotti, il-Kummissjoni qieset li mhux fl-interess tal-Unjoni li żżid aktar id-differenza kbira attwali bejn il-pass taż-żieda fil-volum tat-TRQ u dak tal-konsum tal-azzar.

Aġġustament

(220) Fid-dawl tad-differenza li dejjem qed tikber bejn il-konsum (inkluż il-konsum mistenni) u l-volumi tat-TRQ, u l-livelli għoljin eżistenti ta' pressjoni ta' importazzjoni, li x'aktarx jippersistu, il-Kummissjoni qieset li ż-żamma jew iż-żieda tar-rata ta' 4 % timmina serjament l-effettività tal-miżura. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonfermat li kien hemm biżżejjed TRQ disponibbli ġeneralment fost il-kategoriji tal-prodotti.

(221) F'dan l-isfond, il-Kummissjoni qieset li l-istabbiliment tar-rata ta' liberalizzazzjoni ta' 1 % kien xieraq biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura.

(222) Konsegwentement, it-TRQs se jkomplu jiżdiedu kull sena b'1 % mill-1 ta' Lulju 2024 għall-kategoriji kollha tal-prodotti. Il-volumi speċifiċi għall-perjodu 1 ta' Lulju 2024 – 30 ta' Ġunju 2026 (fuq bażi trimestrali) huma stabbiliti fl-Anness IV.1 ta' dan ir-Regolament.

(223) Flimkien ma' aġġustamenti oħra ppreżentati f'dan ir-Regolament, din ir-rata ta' liberalizzazzjoni se tikkontribwixxi għal titjib fl-effettività tal-miżura f'perjodu fejn is-suq tal-Unjoni qed isofri tensjonijiet sinifikanti xprunati mill-importazzjoni, ikkawżati mill-effetti negattivi tal-kapaċità żejda u r-reazzjonijiet li jirriżultaw għaliha madwar id-dinja, f'kuntest ta' domanda dgħajfa. L-utenti tal-Unjoni se jkomplu jkollhom biżżejjed volumi mingħajr dazju disponibbli taħt it-TRQs eżistenti.

7.6. **Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu jeħtieġu aġġustament fil-livell ta' allokazzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja**

(224) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddefiniet il-kamp ta' applikazzjoni tal-affermazzjonijiet taħt dan il-kapitolu bħala kwalunkwe kwistjoni oħra li ma taqax taħt it-Taqsimiet 7.1-7.2 u 7.4-7.5 hawn fuq sal-punt li tikkonċerna bidliet dejjiema taċ-ċirkostanzi meta mqabbla mas-sitwazzjoni prevalenti matul l-investigazzjoni oriġinali – li l-effetti tagħha jista' jkollhom bżonn jiġu rieżamineti u jistgħu jiġġustifikaw, *inter alia*, aġġustament għal-livell jew allokazzjoni tal-kwoti tariffarji f'kategoriji ta' prodotti speċifiċi. Il-partijiet interessati ntalbu jipprovdu biżżejjed evidenza li tissostanzja s-sottomissjonijiet tagħhom, kif ukoll proposti speċifiċi dwar kif għandhom jiġu indirizzati kwalunkwe żviluppi li jaffettwaw kategorija ta' prodott.

Kummenti tal-partijiet interessati

(225) It-talbiet riċevuti f'dan ir-rigward jistgħu jinqasmu f'żewġ tipi. L-ewwel tip kien jikkonċerna bidliet ta' natura dejjiema fid-domanda ta' ċerti kategoriji ta' prodotti, u t-tieni tip kien jikkonċerna bidla ta' natura dejjiema fir-rigward ta' pajjiżi fornituri ġodda.

(a) Żieda fid-domanda għal ċerti kategoriji

(226) It-talbiet taħt dan it-tip irreferew għal bidliet fl-ambitu tal-prodott, li normalment ineħħu l-kategoriji tal-prodotti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura, iżidu l-allokazzjonijiet tat-TRQ jew jagħtu kwota speċifika għall-pajjiż lil oriġini partikolari abbażi ta' projezzjonijiet ta' żieda mgħaġġla fid-domanda għal kategorija partikolari, u fejn l-industrija tal-Unjoni allegatament ma setgħetx tforni fi kwantitajiet suffiċjenti.

([136]) Ara t-Taqsima 3.2.2.(b) ta' dan ir-Regolament dwar l-użu tat-TRQ.

Valutazzjoni

(227) F'dan ir-rigward, l-evidenza mressqa mill-partijiet interessati ma ġġustifikat l-ebda aġġustament ibbażat fuq l-affermazzjonijiet li saru dwar bidliet fiċ-ċirkostanzi. L-affermazzjonijiet tipikament kienu jikkonċernaw oriġini speċifiċi f'ċerti kategoriji ta' prodotti. Fil-każijiet kollha kien hemm volumi disponibbli mingħajr dazju matul l-aħħar tliet trimestri (Lulju 2023-Marzu 2024). Għalhekk, tali affermazzjonijiet ma kinux konformi mal-interess ġenerali tal-Unjoni iżda pjuttost kienu jikkonċernaw il-preferenzi speċifiċi ta' partijiet ikkonċernati partikolari. L-affermazzjonijiet dwar id-disponibbiltà tal-provvista mill-produtturi tal-Unjoni ġew ukoll miċħuda b'mod estensiv mill-industrija tal-Unjoni u l-Kummissjoni qieset li l-evidenza disponibbli fil-fajl, inkluż l-użu tat-TRQ, ma ssostnix l-affermazzjonijiet dwar nuqqas potenzjali ta' azzar.

Konklużjoni

(228) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm biżżejjed evidenza li tiġġustifika aġġustamenti għall-funzjonament tas-salvagwardja tal-azzar abbażi ta' bidliet fiċ-ċirkostanzi minħabba l-allegata żieda fid-domanda fil-futur f'kategoriji ta' prodotti partikolari.

(b) Bidliet fil-flussi tal-kummerċ – Pajjiżi esportaturi ġodda

(229) Għadd ta' partijiet (l-industrija tal-Unjoni, l-esportaturi u l-utenti) sostnew li kien hemm bidliet fil-flussi tal-kummerċ u li din kienet tirrappreżenta bidla fiċ-ċirkustanzi ta' natura dejjiema. Skont ċerti partijiet (l-industrija tal-Unjoni) din il-bidla fil-flussi tal-kummerċ hija r-riżultat ta' dinamika reġjonali ġdida u kumplessa ta' kapaċitajiet żejda globali tal-azzar li jistħoqqilhom bidliet fl-amministrazzjoni tat-TRQ.

(230) Affermazzjonijiet relatati mal-bidla tal-flussi tal-kummerċ saru wkoll taħt it-Taqsima 7.1 (Allokazzjoni u Ġestjoni tat-TRQs) u t-Taqsima 7.2 (Esklużjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali) hawn fuq.

(231) Il-partijiet interessati sostnew li, filwaqt li xi kwoti speċifiċi għall-pajjiż jibqgħu fil-biċċa l-kbira mhux użati f'ċerti kategoriji ta' prodotti, flussi ġodda qed jidħlu fis-suq tal-Unjoni permezz ta' kwoti residwi. B'riżultat ta' dan, huma talbu lill-Kummissjoni tagħmel xi aġġustamenti fl-amministrazzjoni tat-TRQ.

Valutazzjoni

(232) Fl-investigazzjoni, il-Kummissjoni identifikat flussi kummerċjali ġodda li jidħlu fis-suq f'ċerti kategoriji ta' prodotti. Il-Kummissjoni indirizzat dawn l-affermazzjonijiet bl-aġġustamenti deskritti fit-Taqsima 7.3 hawn fuq.

8. **BIDLA FIL-KODIĊIJIET NM FIL-KATEGORIJI TAL-PRODOTTI 22, 24 U 26**

(233) Fl-1 ta' Jannar 2022, bħala riżultat tal-aġġornamenti ([137]) tan-nomenklatura doganali tal-Unjoni (NM), ġew modifikati ċerti kodiċi NM li jikkonċernaw tubi tal-azzar soġġetti għall-kamp ta' applikazzjoni tas-salvagwardja tal-azzar ([138]). Il-kategoriji tal-prodotti affettwati kienu 22 (tubi u pajpijiet inossidabbli mingħajr saldatura), 24 (tubi oħra mingħajr saldatura) u 26 (pajpijiet iwweldjati oħra).

(234) Din il-bidla ma kinitx riflessa fl-aħħar rieżami tal-miżura ([139]) f'Ġunju 2023 u bħala riżultat, il-volum tal-importazzjonijiet użat f'dak ir-rieżami għall-fini tal-kalkolu tal-lista tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw ma kienx preċiż għalkollox għal dawn il-kategoriji.

([137]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1832 tat-12 ta' Ottubru 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 385, 29.10.2021, p. 1).

([138]) B'kollox ingħalqu 21 kodiċi NM u ġew miżjuda 14-il kodiċi NM.

([139]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1301 tas-26 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

(235) B'konsegwenza ta' dan, il-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għall-miżura li tapplika mill-1 ta' Lulju 2023 kellha impatt materjali fi tnejn mit-tliet kategoriji msemmija hawn fuq. Kieku l-Kummissjoni użat il-kodiċijiet NM aġġornati fl-aħħar rieżami tagħha, il-bidliet fil-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-rigward tal-lista attwalment ippubblikata fl-1 ta' Lulju 2023 (applikabbli sat-30 ta' Ġunju 2024) kienu jkunu dawn li ġejjin:

— Kategorija 24: il-limitu ta' 9 % għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw kien jintlaħaq. Għalhekk, il-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw u li jesportaw taħt din il-kategorija kellhom ikunu soġġetti għall-miżura mill-1 ta' Lulju 2023.

— Kategorija 26: l-importazzjonijiet mill-Maċedonja ta' Fuq u l-Vjetnam kienu jkunu taħt il-limitu individwali ta' 3 % u għalhekk, kellhom jiġu esklużi mill-miżura mill-1 ta' Lulju 2023.

(236) Il-bidliet fil-lista tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għall-miżura bħala riżultat tal-bidla tal-kodiċijiet huma mqassra kif ġej:

KIF IPPUBBLIKATI			
Pajjiż / Grupp ta' prodotti	22	24	26
L-Arġentina		X	
Il-Brażil		X	
Iċ-Ċina	X	X	X
L-Eġittu			
L-Indja	X	X	X
L-Indoneżja			
Il-Każakistan			
Il-Malażja			
Il-Messiku		X	
Il-Moldova			
Il-Maċedonja ta' Fuq			X
L-Oman			
It-Turkija			X
L-Ukrajna	X	X	
L-Emirati Għarab Magħquda		X	
Il-Vjetnam			X
Il-pajjiżi l-oħra kollha li qed jiżviluppaw			

IKKOREĠUTI			
Pajjiż / Grupp ta' prodotti	22	24	26
L-Arġentina		X	
Il-Brażil		X	
Iċ-Ċina	X	X	X
L-Eġittu		X	
L-Indja	X	X	X
L-Indoneżja		X	
Il-Każakistan		X	
Il-Malażja		X	
Il-Messiku		X	
Il-Moldova		X	
Il-Maċedonja ta' Fuq		X	
L-Oman		X	
It-Turkija		X	X
L-Ukrajna	X	X	
L-Emirati Għarab Magħquda		X	
Il-Vjetnam		X	
Il-pajjiżi l-oħra kollha li qed jiżviluppaw		X	

(237) Il-lista aġġornata tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għall-miżura, applikabbli fil-perjodu 1 ta' Lulju 2023 – 30 ta' Ġunju 2024, tinsab fl-Anness III (III.2) għal dan ir-Regolament.

(238) Il-konsegwenzi prattiċi ta' dawn il-bidliet fil-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għall-miżura li tapplika mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 huma dawn li ġejjin:

— Għall-Kategorija 24, il-fatt li l-pajjiżi kollha li qed jiżviluppaw kellhom ikunu soġġetti għall-miżura mill-1 ta' Lulju 2023 ma għandu l-ebda implikazzjoni prattika. Il-pajjiżi kollha li kellhom ikunu soġġetti għall-miżura kienu jesportaw permezz tal-kwota residwa. Il-kwota residwa qatt ma ġiet eżawrita mill-1 ta' Lulju 2023 'l hawn u l-volumi li kien fadal fi tmiem il-perjodu kienu kbar biżżejjed biex ikopru l-volum totali ta' esportazzjonijiet li joriġinaw mill-Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw li kien jenħtieġ li jiġu koperti taħt din il-kategorija. Għalhekk, la bil-kodiċi l-qodma jew bil-kodiċi l-ġodda, l-ebda wieħed mill-pajjiżi li kellhom jiġu inklużi ma kien ikollu jħallas dazji.

— Għall-Kategorija 26, hemm effett doppju li jirriżulta mill-użu ta' kodiċijiet skaduti. Dan għaliex il-kwota residwa ġiet eżawrita f'żewġ trimestri mill-1 ta' Lulju 2023. ([140]) Minn naħa waħda, skont informazzjoni mid-DĠ TAXUD ([141]), xi importazzjonijiet mill-Maċedonja ta' Fuq u mill-Vjetnam ħallsu d-dazju ta' 25 % bħala riżultat tal-mili tal-kwota residwa mingħajr dazju. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-esportazzjonijiet ta' dawn iż-żewġ pajjiżi ġew meqjusa indebitament taħt il-kwota residwa kkawża l-eżawriment ta' dik il-kwota u għalhekk, esportaturi oħra kellhom iħallsu d-dazji indebitament. Għat-trimestru attwali, għadu mhux magħruf jekk il-kwota residwa għall-kategorija 26 hijiex se tiġi eżawrita.

(239) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-dritt tal-importaturi li ħallsu d-dazji fil-kategorija 26 mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 fir-rigward ta' importazzjonijiet li joriġinaw minn ċerti pajjiżi li jitolbu r-rimborż ta' dawn id-dazji lill-awtoritajiet doganali nazzjonali skond il-leġiżlazzjoni doganali applikabbli. Dawk il-pajjiżi huma dawn li ġejjin::

— Trimestru 01/07/2023-30/09/2023: il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kanada, l-Iżrael, l-Indja, il-Ġappun, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, Singapore, l-Istati Uniti, is-Serbja, u l-Vjetnam;

— Trimestru 01/10/2023-31/12/2023: L-Awstralja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, New Caledonia, il-Maċedonja ta' Fuq, Singapore, l-Istati Uniti, il-Kosovo, is-Serbja, u l-Vjetnam.

(240) L-aċċettazzjoni ta' talbiet għal rimborż għat-trimestru attwali (mil-1 ta' April 2024 sat-30 ta' Ġunju 2024) se tkun soġġetta għal verifika addizzjonali dwar jekk il-ħlas tad-dazji kienx konsegwenza tal-fatt li l-Kummissjoni ma rriflettietx il-kodiċijiet il-ġodda fil-kalkolu tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew le.

(241) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([142]) meta jkollu jiġi rrimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-kapital tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

9. **RIMARKI FINALI**

(242) Dan ir-Regolament li jemenda l-miżura ta' salvagwardja attwali jikkonforma wkoll mal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehimiet bilaterali ffirmati ma' ċerti pajjiżi terzi.

(243) Il-miżura prevista f'dan ir-Regolament hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Salvagwardji stabbilit skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament dwar is-Salvagwardja Bażika tal-UE u l-Artikolu 22(3) tar-Regolament (UE) 2015/755 rispettivament,

([140]) 01/07/2023-30/09/2023 u 01/10/2023-31/12/2023.

([141]) Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali.

([142]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2019/159 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

"2. Għal kull waħda mill-kategoriji tal-prodotti kkonċernati, u bl-eċċezzjoni tal-kategoriji tal-prodotti 7, 8, 17 u 25a, parti minn kull kwota tariffarja hija allokata lill-pajjiżi speċifikati fl-Anness IV.";

(2) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

"3. Il-parti li jifdal ta' kull kwota tariffarja, kif ukoll il-kwota tariffarja għall-kategoriji tal-prodotti 7, 8, 17 u 25a, għandhom jiġu allokati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, ibbażata fuq kwota tariffarja stabbilita b'mod ugwali għal kull trimestru tal-perjodu ta' impożizzjoni.";

(3) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

"5. Fejn il-kwota tariffarja rilevanti taħt il-paragrafu 2 tkun eżawrita għal pajjiż speċifiku wieħed, l-importazzjonijiet minn dak il-pajjiż għal xi kategoriji ta' prodotti jistgħu jsiru taħt il-parti li jifdal tal-kwota tariffarja għall-istess kategorija ta' prodott. Din id-dispożizzjoni għandha tapplika biss matul l-aħħar trimestru ta' kull sena ta' applikazzjoni tal-kwota tariffarja definittiva. Għall-kategoriji tal-prodotti 3B, 14, 16, 20 u 26 mhux se jkun permess aktar aċċess għall-parti li jifdal tal-kwota tariffarja. Għall-kategoriji tal-prodotti 2, 3A, 4A, 5, 6, 9, 10, 12, 13, 15, 18, 19, 21, 22, 24, 25B, 27 u 28 aċċess biss għal volum speċifiku fi ħdan il-volum tal-kwota tariffarja inizjalment disponibbli fl-aħħar trimestru, se jkun permess. Fil-kategoriji tal-prodotti 1 u 4B l-ebda pajjiż li jesporta ma għandu jitħalla juża, waħdu, aktar minn 30 % tal-volum tal-kwota tariffarja residwa disponibbli inizjalment fl-aħħar trimestru ta' kull sena ta' applikazzjoni tal-miżuri.";

(4) Il-paragrafu 7 huwa miżjud mal-Artikolu 1:

"7. Volum massimu ta' importazzjoni ta' 15 % għal kull pajjiż tal-kwota disponibbli mingħajr dazju fil-bidu tat-trimestru stabbilit fl-Anness IV.1 ta' dan ir-Regolament għandu jkun applikabbli għall-pajjiżi li jimportaw permezz tal-kwota "Pajjiżi oħra" fil-kategoriji tal-prodotti 1 u 16. Il-volum massimu ta' importazzjoni japplika għal pajjiżi li m'għandhomx kwota speċifika għall-pajjiż u huwa applikabbli fit-trimestri kollha.";

(5) L-Artikolu 2.2, it-tieni sentenza hija mħassra;

(6) L-Artikolu 6.2 huwa mħassar;

(7) fl-Artikolu 10, it-tieni subparagrafu huwa mmodifikat b'dan li ġej:

"Għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2026.";

(8) L-Anness IV huwa emendat bl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) L-Anness III.2 huwa sostitwit mill-1 ta' Lulju 2024 bl-Anness II għal dan ir-Regolament;

(10) L-Anness III.2 huwa sostitwit mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 bl-Anness III għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Kwalunkwe dazju ta' salvagwardja mħallas fir-rigward ta' importazzjonijiet magħmula fl-Unjoni taħt il-kategorija tal-prodott 26 ("pajpijiet iwweldjati oħra") mill-1 ta' Lulju 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 u li joriġinaw fil-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jitħallsu lura jew jintbagħtu skont il-liġi applikabbli. leġiżlazzjoni doganali.

2. L-oriġini tal-importazzjonijiet soġġetti għall-paragrafu 1 huma dawn li ġejjin:

— għat-trimestru 01/07/2023-30/09/2023: il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kanada, l-Iżrael, l-Indja, il-Ġappun, il-Maċedonja ta' Fuq, il-Korea t'Isfel, Singapore, l-Istati Uniti, is-Serbja, u l-Vjetnam;

— għat-trimestru 01/10/2023-31/12/2023: L-Awstralja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, New Caledonia, il-Maċedonja ta' Fuq, Singapore, l-Istati Uniti, il-Kosovo, is-Serbja, u l-Vjetnam.

3. Il-ħlas lura jew ir-remissjoni ta' kwalunkwe dazju mħallas fir-rigward ta' importazzjonijiet li saru mill-1 ta' April 2024 sat-30 ta' Ġunju 2024, se jkunu soġġetti għal verifika addizzjonali tat-talba għar-rimborż. L-awtoritajiet doganali f'kull Stat Membru għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni Ewropea qabel jawtorizzaw kwalunkwe talba għal ħlas lura jew remissjoni.

4. Ir-rimborż jew ir-remissjoni għandhom jintalbu mill-awtoritajiet doganali nazzjonali f'konformità mal-leġiżlazzjoni doganali applikabbli.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak li fih jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

"ANNESS IV

IV.1 - **Volumi tal-kwoti tar-rati tariffarji**

Numru tal-Prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċijiet NM	Allokazzjoni skont il-pajjiż (Meta Applikabbli)	Sena 7				Sena 8				Rata tad-dazju addizzjonali	Numri tal-ordni
				Mill-1.7.2024 sat-30.9.2024	Mill-1.10.2024 sal-31.12.2024	Mill-1.1.2025 sal-31.3.2025	Mill-1.4.2025 sat-30.6.2025	Mill-1.7.2025 sat-30.9.2025	Mill-1.10.2025 sal-31.12.2025	Mill-1.1.2026 sal-31.3.2026	Mill-1.4.2026 sat-30.6.2026		
				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)				Volum tal-kwota tariffarja (tunnellati netti)					
1	Folji u Strixxi Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Illaminati bis-Shana	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10, 7208 52 99, 7208 53 10, 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00, 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99	Il-Federazzjoni Russa	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8966
			It-Turkija	475 173,52	475 173,52	464 843,66	470 008,59	479 925,26	479 925,26	469 492,10	474 708,68	25 %	09.8967
			L-Indja	301 703,57	301 703,57	295 144,80	298 424,18	304 720,61	304 720,61	298 096,25	301 408,43	25 %	09.8968
			Ir-Repubblika tal-Korea	188 405,48	188 405,48	184 309,71	186 357,59	190 289,53	190 289,53	186 152,80	188 221,17	25 %	09.8969
			Ir-Renju Unit	157 607,78	157 607,78	154 181,53	155 894,66	159 183,86	159 183,86	155 723,34	157 453,60	25 %	09.8976
			Is-Serbja	167 256,84	167 256,84	163 620,82	165 438,83	168 929,40	168 929,40	165 257,03	167 093,21	25 %	09.8970
			Pajjiżi Ohra	945 664,87	945 664,87	925 106,94	935 385,91	955 121,52	955 121,52	934 358,01	944 739,77	25 %	(1)
2	Folji Mhux Illigati u Ohrajn Illigati Llaminati bis-Shana	7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7209 90 20, 7209 90 80, 7211 23 20, 7211 23 30, 7211 23 80, 7211 29 00, 7211 90 20, 7211 90 80, 7225 50 20, 7225 50 80, 7226 20 00, 7226 92 00	L-Indja	164 886,33	164 886,33	161 301,85	163 094,09	166 535,19	166 535,19	162 914,86	164 725,03	25 %	09.8801
			Ir-Repubblika tal-Korea	95 630,77	95 630,77	93 551,84	94 591,31	96 587,08	96 587,08	94 487,36	95 537,22	25 %	09.8802
			Ir-Renju Unit	88 383,80	88 383,80	86 462,41	87 423,10	89 267,64	89 267,64	87 327,04	88 297,34	25 %	09.8977
			L-Ukrajna	73 421,18	73 421,18	71 825,07	72 623,12	74 155,39	74 155,39	72 543,32	73 349,35	25 %	09.8803
			Is-Serbja	41 629,15	41 629,15	40 724,17	41 176,66	42 045,44	42 045,44	41 131,41	41 588,43	25 %	09.8805
			Pajjiżi Ohra	338 044,38	338 044,38	330 695,59	334 369,98	341 424,82	341 424,82	334 002,54	337 713,68	25 %	(2)
3.A	Folji Elettriċi (għajr GOES)	7209 16 10, 7209 17 10, 7209 18 10, 7209 26 10, 7209 27 10, 7209 28 10	Il-Federazzjoni Russa	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8808
			Ir-Renju Unit	559,43	559,43	547,27	553,35	565,03	565,03	552,74	558,89	25 %	09.8978
			Iran, ir-Repubblika Islamika tal-	167,77	167,77	164,12	165,95	169,45	169,45	165,76	167,61	25 %	09.8809
			Ir-Repubblika tal-Korea	256,93	256,93	251,35	254,14	259,50	259,50	253,86	256,68	25 %	09.8806
			Pajjiżi Ohra	858,86	858,86	840,19	849,52	867,45	867,45	848,59	858,02	25 %	(3)
3.B		7225 19 90, 7226 19 80	Il-Federazzjoni Russa	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	25 %	09.8811
			Ir-Repubblika tal-Korea	35 566,76	35 566,76	34 793,57	35 180,17	35 922,43	35 922,43	35 141,51	35 531,97	25 %	09.8812
			Iċ-Ċina	31 278,07	31 278,07	30 598,11	30 938,09	31 590,85	31 590,85	30 904,09	31 247,47	25 %	09.8813
			It-Tajwan	24 462,63	24 462,63	23 930,83	24 196,73	24 707,26	24 707,26	24 170,14	24 438,70	25 %	09.8814
			Pajjiżi Ohra	8 722,51	8 722,51	8 532,89	8 627,70	8 809,74	8 809,74	8 618,22	8 713,98	25 %	(4)

